MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2006

Numru 9/1996

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Charles Steven Muscat**

**Il-Qorti**:

Rat is-sentenza moghtija fid-29 ta’ Settembru 1999 mill-Qorti Kriminali li tghid hekk:

**" Il-Qorti,**

**Rat l-Att ta’ Akkuza numru 9 ta’ l-1996;**

**Rat il-verdett tal-gurati moghti l-bierah, 28 ta' Settembru, 1999, li bih:**

**(a) b'sitt voti favur u tlieta kontra sabu lill-akkuzat Charles Steven Muscat hati skond l-ewwel kap tal-Att ta' Akkuza;**
**(b) b'seba' voti favur u tnejn kontra sabuh hati izda biss ta' offiza gravi fuq il-persuna li biha grat il-mewt minhabba biss in-natura jew il-konsegwenza naturali tal-offiza, b'dan li l-mewt grat fi zmien erbghin gurnata mid-data tad-delitt, u dan ghall-fini tat-tieni kap;**
**(c) unanimament sabuh hati skond it-tielet kap;**
**(d) bi tmien voti favur u wiehed kontra sabu lill-istess akkuzat hati skond ir-raba' kap tal-Att ta' Akkuza;**
**(e) unanimament sabuh hati skond il-hames kap;**
**(f) unanimament sabuh mhux hati skond is-sitt kap;**
**(g) unanimament sabuh hati skond is-seba' kap;**
**(h) unanimament sabuh hati skond it-tmien kap;**
**(i) u, wara li ngiebet a konjizzjoni tal-gurati l-ammissjoni tal-akkuzat riferibbilment ghad-disa', ghaxar u hdax-il kap, il-gurati unanimament sabuh hati fuq dawn it-tliet kapi;**

**Tiddikjara lil Charles Steven Muscat mhux hati skond is-sitt kap u cioe` mhux hati talli fil-hin li ghamel delitt kontra l-persuna (barra minn omicidju involontarju jew offiza fuq il-persuna involontarja) kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari, u dan mhux ghal xi ghan legittimu, u tilliberah minn din l-akkuza; izda tiddikjarah hati:**

**(a) ta' omicidju volontarju skond l-ewwel kap;**
**(b) ta' offiza gravi fuq il-persuna li biha grat il-mewt minhabba biss in-natura jew il-konsegwenzi naturali tal-offiza, b'dan li l-mewt grat fi zmien erbghin gurnata mid-data tad-delitt, u dan riferibbilment ghat-tieni kap;**

**(c) ta’ pussess kontra l-ligi tad-droga kokaina;**
**(d) li forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina lil persuna jew ghal xi persuna kontra l-ligi;**
**(e) li, minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija, spara arma tan-nar f’post abitat, jew fil-qrib tieghu, jew fit-toroq pubblici;**
**(f) li bil-fomm hedded lil haddiehor b’xi delitt b’dan li mat-theddid kien hemm ordni (is-seba’ u t-tmien kapi);**
**(g) li minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija zamm f’xi fond arma tan-nar jew munizzjon li pero` ma kinux qed jinzammu sabiex isir bejgh jew traffikar iehor kontra l-ligi bihom;**
**(h) talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, b’dana li l-hsara kienet ta’ aktar minn hames mitt lira; u**
**(i) talli xjentement laqa’ ghandu, zamm, jew heba, jew xjentement halla jew ittollera, jew gieghel jew fittex li jigu milqugha, mizmuma jew mohbija oggetti li l-importazzjoni taghhom hija pprojbita jew limitata, jew li ma hallsux dazju, jew oggetti li kienu gew imwarrba kontra l-ligi minghajr hlas ta’ dazju, minn mahzen ta’ depozt tal-gvern jew privat jew lok iehor ta’ kustodja fejn kienu gew iddepozitati, jew xjentement gie fil-pussess ta’ dawk l-oggetti;**

**Semghet, ukoll fl-udjenza tal-bierah, lill-Avukati Dott. Emmanuel Mallia u Dott. Giannella Caruana Curran ghall-akkuzat u lill-Assistent ghall-Avukat Generali Dott. Anthony Barbara ghall-prosekuzzjoni dwar il-piena; hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz iz-zmien li l-akkuzat diga` ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma’ dan il-kaz, kif ukoll il-fedina penali tieghu; tosserva in partikolari li f’dan il-kaz japplika l-Artikolu 492 tal-Kodici Kriminali ghal dak li jirrigwarda r-reat ta’ omicidju volontarju, kif ukoll li l-piena applikabbli ghad-diversi reati, bil-konkors b’kollox, hi dik li kienet fis-sehh fid-data meta sehhew ir-reati u cioe` qabel l-emendi introdotti bl-Att**

**XVI tal-1996 kemm fil-Kodici Kriminali kif ukoll fil-Kap. 101;**

**Rat l-Artikoli 211, 220(1)(a), 249(1)(2), 325(a), 492, 11, 17(b), 22, 23(1), 30(1)(b) u 533 tal-Kodici Kriminali; l-Artikoli 9, 10, 22(1)(a)(2)(a)(i)(ii)(1B) tal-Kap. 101; ir-reguli 4(a) u 9 tar-reguli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Medicini Perikoluzi; l-Artikoli 24(2), 33(1), 29 u 40 tal-Kap. 33; l-Artikoli 3(1) u 19 tal-Kap. 66; u l-Artikoli 60(a)(b)(c) u 62(f)(g) proviso (a) tal-Kap. 37;**

**Tikkundanna lill-imsemmi Charles Steven Muscat ghall-piena ta' hamsa u ghoxrin (25) sena prigunerija, li minnhom ghandu jitnaqqas il-perijodu kollu li l-istess Muscat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz; tikkundannah ukoll multa ta' tmint elef lira (Lm8,000) konvertibbli f'sitt xhur prigunerija ohra f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi, tiskwalifikah ghal perijodu ta' hamsin sena milli jkollu jew jikseb licenzja sabiex izomm jew igorr arma tan-nar, liema perijodu jibda jiddekorri minn meta jiskonta l-piena ta' prigunerija; tordna l-konfiska tal-armi u munizzjoni kollha ezibiti f'dawn l-atti; tordna ukoll id-distruzzjoni tad-droga li tinsab ezibita f'dawn l-atti taht l-awtorita` taghha in konnessjoni ma' dan il-kaz, u dan fi zmien gimghatejn millum kemm-il darba l-Avukat Generali jew il-hati ma jiddikjarawx permezz ta' nota fi zmien gimgha millum li tali droga hi mehtiega in konnessjoni ma' xi proceduri ohra; din id-distruzzjoni ghandha ssir mir-Registratur li ghandu jezebixxi *process verbal* relattiv fl-atti ta' din il-kawza; fl-ahharnett tikkundanna lill-istess Charles Steven Muscat ihallas lir-Registratur fi zmien tliet xhur millum is-somma ta' elf u tnejn u sittin lira (Lm1062) spejjez peritali inkorsi f'dawn il-proceduri;**

Rat li minn din is-sentenza l-akkuzat ipprezenta rikors ta' appell fid-19 ta' Ottubru 1999 li bih talab li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu ma sabitux hati tas-sitt kap ta' l-att ta' l-akkuza u li tirrevokaha in kwantu nstab hati ta' l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-hames, is-seba' u t-tmien akkuzi billi tiddikjarah mhux hati

u tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena skond il-ligi, mentri ghar-rigward id-disa', ghaxar u hdax-il kapi ta' l-att ta' l-akkuza, filwaqt li tikkonferma s-sejbien ta' htija stante l-ammissjoni tieghu u l-verdett relattiv dwar dawn l-istess tliet kapi, li timmodifika s-sentenza appellata kwantu dawn l-istess tliet akkuzi rigwardanti l-piena nflitta, skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant, skond ir-rikors ta' appell tieghu, huma s-segwenti:

(1) Matul il-kawza kien hemm irregolarita` li seta' kellha influwenza fuq il-verdett;

(2) Kien hemm interpretazzjoni jew applikazzjoni zbaljata tal-ligi li seta' kellha influwenza fuq il-verdett; u

(3) Huwa gie misjub hati hazin fuq il-fatti tal-kawza.

Dawn l-aggravji sejrin jigu kkunsidrati *seriatim*.

**<u>1. Irregolarita` li seta' kellha influwenza fuq il-verdett</u>**

**<u>A. L-espert Dottor Joseph Spiteri</u>**

L-appellant jilmenta mill-fatt li t-talba tieghu ghan-nomina ta' espert sabiex jixhed dwar l-effetti psikologici, mentali u fizici li jhallu fil-bniedem l-abbuz mid-droga kokaina ntlaqghet biss fil-bidu tal-guri. Huwa jghid li s-sitwazzjoni li emergiet kienet:

"i. L-esponenti gie zvantaggat u pregudikat. Ra li potenzjalment seta' javvanza tliet linji ta' difiza abbazi tal-Artikolu 34(2) u 34(4) tal-Kodici Kriminali, pero` sa qabel ma beda l-guri, gie prekluz milli jgib il-provi li jissostanzjaw

dawn il-linji difensjonali u lanqas ma kellu l-provi ta' espert sabiex fuqhom jibbaza l-istess;

ii. Min kellu jiggudika mill-fatti sema' l-ewwel darba b'dawn il-provi wara li kien xehed l-akkuzat u wara l-arringa tad-difensur tieghu.

iii. L-istess xiehda ta' l-espert kienet ukoll indispensabbli sabiex il-gurija setghet tqis ic-cirkostanzi kollha probatorji sabiex tifli jekk fil-fatt kienx hemm l-intenzjoni specifika rikjesta mil-ligi ghall-omicidju volontarju, kif ukoll jekk tikkonkorrix xi eccezzjoni msemmija fl-Artikoli 34(2) u 34(4) tal-Kodici Kriminali. Din il-prova kienet quddiem il-gurija 'very late in the trial' u wara li kienu semghu l-arringa tad-difiza.

iv. Il-prosekuzzjoni naqset li timxi mal-principji u dottrina legali illi hija ghandha ggib il-provi favur jew kontra l-akkuzat. Mhux talli ma ghamlitx hekk, mhux talli ma talbitx ghal dan l-espert hi; anzi argumentat li d-difiza kellha titlob ghal hatra ta' dan l-espert fl-istruttorja. Bir-rispett dina s-sottomissjoni tal-prosekuzzjoni hija bla bazi u sfortunatament tidher li giet abbraccata mill-Ewwel Qorti; fil-fehma tal-esponenti, skorrettement u irregolarment. Ma hemm l-ebda provvediment fil-kodici nostran illi tali talba trid bil-fors issir fl-istadju tal-kumpilazzjoni. Il-Ligi tipprovdi illi wara l-prezentata ta' l-att ta' l-akkuza, akkuzat ghandu d-dritt jindika x-xhieda li hu bi hsiebu jingungi in difiza tieghu. Abbazi tas-sentenza 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Edwin Cioffi', dina l-Onorabbli Qorti ddecidiet illi d-difiza ghandu jkollha l-opportunita` li tavvanza kull linja difensjonali miftuha ghaliha w m'ghandhiex a prioristikament tigi prekluza li tingungi xhieda biex b'hekk tkun prekluza tavvanza xi linja difensjonali.

Fil-kaz odjern ghalhekk l-esponenti gie penalizzat ghaliex jidher li hemm 'lacuna' fil-Ligi. L-espert jista' biss, skond is-sistema legali taghna, jigi mahtur mill-Qorti. L-esponenti ghalhekk ma setax jindika isem ta' xhud professjonali in materja w jingungieh sabiex jaghti l-opinjonijiet tieghu dwar is-suggett. Kieku ghamel hekk, il-Qorti

probabbilment kienet tiddikjarah ammissibbli, pero` tipprojbih milli jwiegeb domandi fejn ir-risposti tieghu jkunu frott ta' opinjonijiet. Hu l-espert mahtur mill-Qorti li jista' jaghti opinjonijiet.

Peress illi l-Ewwel Qorti dehrilha illi ma kienx hemm ir-ragunijiet specjali msemmija mil-Ligi, ma baghtitx lura l-inkartament sabiex il-Magistrat jisma' x-xhieda ta' l-espert. Anzi lanqas biss hatritu sa qabel l-ewwel jum tas-smiegh tal-guri. B'dan il-mod, id-difiza lanqas biss kienet taf min ser ikun dan l-espert u lanqas x'kien ser jirrelata dwar dan is-soggett. Hu veru illi sa minn xi gimghat qabel id-data tas-smiegh tal-guri, l-Ewwel Qorti staqsiet lill-partijiet jekk kellhomx xi oggezzjoni, li fil-kaz li tilqa' t-talba, l-espert ikun Dottor Joseph Spiteri. Pero` meta l-Qorti giet mistoqsija kif ser issir il-procedura u meta kien ser jigi mahtur, ma nghatat l-ebda risposta. Wiehed isaqsi: ghalfejn dan is-'suspense', ghalfejn la l-Qorti kienet taf li ser tahtru, ma nhatarx qabel? Ghaliex il-Qorti ma hassitx li dan ix-xhud kien wiehed ammissibbli w allura rinvijat l-atti lill-Magistrat Istruttur biex jisimghu jew talanqas ikun hemm ir-relazzjoni tieghu?

v. Ghalhekk, matul il-kawza, meta l-Ewwel Qorti appuntat lil Dottor Joseph Spiteri, tat il-fakulta` liz-zewg partijiet ikellmuh, tat il-fakulta` liz-zewg partijiet juruh id-dokumenti kollha tal-kaz li riedu w iddikjarat li kien xhud tad-difiza li kellu jixhed f'dak l-istadju. Bir-rispett, din id-decizjoni kienet katina ohra fis-sensiela ta' irregolaritajiet li ppregudikaw serjament lill-esponenti. Apparti l-hin limitat waqt il-guri sabiex jigi konsultat Dottor Joseph Spiteri, apparti li d-difiza ma tippreparax il-kaz taghha waqt il-mori ta' kaz, apparti l-inkonvenjenzi kollha, il-gurati setghu biss ikunu jafu b'din ix-xiehda wara li kien xehed l-akkuzat, u wara l-arringa tad-difiza. Mument ferm tard fil-procediment.

Bl-akbar rispett u fl-umli fehma tad-difiza, dan l-espert li kien xhud tal-Qorti kellu jixhed fi stadju aktar avvanzat tal-procediment tal-guri. Mhux argument li la kienet id-difiza li talbitu, allura dan jixhed fl-istadju tal-provi tad-difiza. Dan l-espert ma kienx xhud li kellu jixhed dwar il-fatti tal-kaz.

Allura ma setax jinghata t-tifsira normali ta' 'xhieda tad-difiza'. Una volta li l-Qorti laqghet it-talba tad-difiza, u hatret lil dan l-espert, dan ix-xhud kien sar 'xhud tal-Qorti'. Isegwi li l-Qorti kellha s-setgha illi dan jinstema' almenu fl-eghluq tal-provi tal-prosekuzzjoni. Di piu` jkompli jissemma' li l-prosekuzzjoni baqghet topponi ghal dan ix-xhud. Meta pero` kien gie dikjarat ammissibbli u mahtur, lanqas f'dan l-istadju ma hasset id-dmir li ssejjahlu hi waqt l-istadju tal-provi taghha. Kieku l-Qorti ordnat li dan l-'espert taghha' jinstema' fi stadju qabel ma bdew il-provi tad-difiza, kienet tkun qed timxi mal-prassi procedurali. Meta fl-Istruttorja xi parti titlob ghall-hatra ta' espert, l-espert mahtur ikun xhud tal-Qorti u l-Qorti tirregola hi l-procedura fil-konfront ta' meta jixhed. Tant hu hekk illi meta difiza titlob il-hatra ta' tobba psikjatri dwar demenza, meta l-Qorti Istruttorja tilqa' t-talba u tahtar lil dawn l-esperti, tali esperti ma jkunux konsidrati xhieda tad-difiza u dejjem gew prodotti bhala jew xhieda tal-prosekuzzjoni jew xhieda tal-Qorti.

F'dan il-kaz, din l-irregolarita` gabet pregudizzji kbar lil-linji difensjonali tal-akkuzat u dan ghaliex:-

1a. L-arringa tad-difiza ma setghetx taghmel sottomissjonijiet dwar punti ta' fatt rigwardanti l-effett tad-droga kokaina fuq il-mohh ta' l-akkuzat. Kellha quddiemha sitwazzjoni frustranti u ngusta. L-iskop ta' l-arringa hu proprju sabiex il-gurija tkun taf il-linja difensjonali tad-difiza fejn iggib l-argumentazzjonijiet legali ghal tali sottomissjonijiet dwar linji difensjonali, pero` dan l-iskop legali ma setax jigi raggunt. Id-difiza sa dak l-istadju ma kellhiex il-provi sabiex tissostanzja dawn il-linji difensjonali. Ghalhekk il-gurati gew serjament effettwati b'din l-irregolarita`.

1b. Il-gurati kienu qeghdin jisimghu arringa fejn l-avukat difensur kien spjegalhom illi l-gudizzju skond il-Ligi hu l-gudizzju skond il-provi u l-gurati kienu qed jisimghu sottomissjonijet legali u fattwali rigwardanti l-intenzjoni specifika fl-omicidju volontarju u dwar id-diposizzjonijiet tal-Artikolu 34(2) u 34(4), minghajr ma kellhom l-icken prova quddiemhom. Id-difiza ma kellhiex triq ohra hlief

taghmel dan, peress illi ma kellha l-ebda garanzija illi l-prosekuzzjoni kienet ser taghmel ir-replika, f'liema kaz, id-difiza ma kienx ikollha d-dritt tal-kontro-replika. Ghalhekk kull darba, meta d-difiza, sabiex tissostanzja s-sottomissjonijiet taghha, kellha bil-fors, b'certu don ta' profezija, taghmel accenn fuq dak li probabbilment kien ser jiddeponi l-espert, il-gurati probabbilment waslu ghall-konkluzjoni li dan kien xi trukk tad-difiza li tipprova tanticipa dak li kien ser jisimghu aktar tard. Li jfisser li meta semghu x-xiehda ta' Dottor Joseph Spiteri, l-effett probatorju kollu ntilef u gie msarraf biss b'mod negattiv. Il-gurati gew impoggija fi stat mentali li jahsbu illi dan kien xi tentattiv tad-difiza sabiex tikkreja b'mod anticipat dawn il-linji difensjonali.

1c. Sabiex din l-irregolarita` tkun aktar aggravata, ir-replika tal-prosekuzzjoni bil-kemm dahlet fil-punti legali sollevati w kwindi meta d-difiza fil-kontro-replika ppruvat, issa li kien xehed Dottor Joseph Spiteri, tespandi l-argomentazzjoni legali taghha, il-Qorti gibditilha l-attenzjoni taghha, fil-presenza tal-gurati, li hi kellha twiegeb ir-replika tal-prosekuzzjoni w mhux terga' ssemmi sottomissjonjiet li kienu saru fl-arringa taghha.

1d. Bir-rispett ukoll, saru diversi kummenti mill-Qorti mhux biss fl-indirizz, izda wkoll in udjenza, li hallew effett negattiv fuq dak li kien qed jiddeponi l-espert tal-Qorti stess. Fl-indirizz, meta l-Qorti spjegat x'inhu espert, qalet espressament illi l-espert ma kellux il-facilita` li jisma' l-provi kollha tal-kaz. Meta kien qed jixhed l-espert, il-Qorti rrimarkatlu li dak li kien qed jghid fil-medicina ma hux necessarjament dak li l-Ligi taccetta.

L-espert ipprepara relazzjoni li l-partijiet kienu qed jaraw ghall-ewwel darba. Il-Qorti ma laqghetx mill-ewwel it-talba tal-espert li din ir-relazzjoni tigi pprezentata w din it-titubanza min-naha tal-Qorti saret fil-presenza tal-gurati.

Il-Qorti wkoll ippermettiet li jsiru domandi lill-espert Dottor Joseph Spiteri mill-prosekuzzjoni li kienu totalment ingusti. Il-Prosekuzzjoni staqsiet lill-espert jekk hu kienx qatt ezamina lill-akkuzat. Il-Prosekuzzjoni donnha riedet turi li

hemm xi affjatament bejn l-espert u l-akkuzat. Dan ma kienx gust peress illi meta f'udjenza qabel beda l-guri, il-Qorti kienet staqsiet lill-partijiet jekk kellhomx xi oggezzjoni ghal Dottor Joseph Spiteri, kienet spjegat li kienet informata minn Dottor Joseph Spiteri li dan kien ra lill-esponent il-habs, pero` mhux fuq il-mertu ta' dan il-kaz. Il-prosekuzzjoni ghalhekk kienet taf b'dan kollu, giet permessa tiehu vantagg ngust minghajr ma giet censurata mill-Qorti, nonostante l-protesti tad-difiza. Dan kollu kompla juri f'mohh il-gurati illi kien qisu qed isir xi haga rregolari min-naha tad-difiza. Id-difiza ma kellhiex opportunita` li tispjega dan peress illi kienet diga` ghalqet l-arringa taghha. Il-Qorti bir-rispett ma spjegatx lill-gurija x'kien qed jigri, kif kien sar kollox dwar il-hatra tal-espert, u li l-espert kien xhud mahtur minnha.

Kien hemm ukoll irregolaritajiet ohra li jissemmew waqt it-trattazzjoni orali ta' dan l-appell. Li jista' jinghad hu li t-talba ghall-hatra ta' espert giet milqugha, pero` l-procedura uzata tellfet ghal kollox il-valur probatorju tad-deposizzjoni tieghu. Il-gurati nghataw x'jifhmu illi dan ix-xhud kien qed jingieb tard fil-proceditment mid-difiza, minghajr ma gie spjegat lilhom li l-prosekuzzjoni, li hi 'the best friend of the accused', fl-ebda stadju tal-provi taghha, ma gabet xi xhud sabiex tipprovalhom l-effetti tal-kokaina fuq il-mohh ta' l-akkuzat."

Mill-atti jirrizulta illi l-*iter* dwar il-kwistjoni tan-nomina ta' espert kif hawn fuq imsemmi kien is-segwenti:

Wara n-notifika ta' l-att ta' l-akkuza lill-appellant, huwa pprezenta nota fit-23 ta' Frar 1996 fejn elenka x-xhieda li kien bi hsiebu jingungi in difesa tieghu. Fosthom indika: "16. Espert li ghandu jitqabbad mill-Qorti sabiex jixhed dwar l-effetti psikologici, mentali u fisici li jhallu fil-bniedem li jkun qed jabbuza mid-droga kokaina u dwar fatti u cirkostanzi konnessi ma' dan is-suggett." Fl-istess nota ta avviz dwar l-eccezzjonijiet tieghu fil-kaz, fosthom: "F. Illi stante dak li xehdu l-Ispettur Joe Valletta, Dr. V. Theuma, Dr. Michael Sammut u xhieda ohra dwar l-istat ta' intossikazzjoni tal-akkuzat minhabba d-droga kokaina, il-Qorti ghandha tapponta espert jew esperti, ghal waqt il-

guri, li ghandhom hila u sengha specjali fil-qasam tad-droga kokaina, l-effetti li din thalli fil-persuna li johodha, kif teffettwa lil tali persuna mill-att psikologiku, mentali u fisiku u dwar fatti u cirkostanzi ohra konnessi ma' din il-materja." L-Avukat Generali, b'nota tas-27 ta' Frar 1996, eccepixxa l-inammissibilita`, *inter alia*, ta' espert kif mitlub mill-appellant fil-para. 16 tan-nota tieghu.

Il-Qorti Kriminali, b'sentenza tat-18 ta' Ottubru 1996, filwaqt illi qalet illi t-talba ta' l-appellant ghan-nomina ta' espert kif indikat ma jaqax strettament taht l-artikolu 650 tal-Kodici Kriminali, qalet illi **"tifhem, pero`, li anke jekk ma jkunx il-kaz ta' ezami ta' persuna jew ta' xi haga, jistghu jinqalghu sitwazzjonijiet fejn tkun mehtiega – mill-prosekuzzjoni, mid-difiza, mill-Qorti jew mill-gurati – opinjoni mhux b'referenza ghal xi persuna jew xi haga partikolari izda b'mod generiku. Huwa ghalhekk dejjem desiderabbli li l-persuna li taghti dik l-opinjoni xjentifika tkun persuna maghzula mill-Qorti stess, u dan in omagg ghall-principju generali li f'materja penali l-periti dejjem jigu nominati mill-Qorti u mhux mill-partijiet. Ghalhekk, din il-Qorti, filwaqt li tiddikjara li l-paragrafu F ma jissollevax propjament eccezzjoni, qed tirriserva li fl-istadju opportun, u jekk u meta tqum il-htiega, tinnomina espert kif mitlub mid-difiza."**

L-appellant appella mis-sentenza tal-Qorti Kriminali u din il-Qorti, diversament komposta, b'sentenza tat-13 ta' Mejju 1998, qalet hekk fir-rigward:

**"Illi qabel xejn din il-Qorti tafferma li taqbel kompletament ma' l-ewwel Onorabbli Qorti li taht ebda cirkostanza dak illi kien hemm kontenut fil-paragrafu F tan-nota ta' l-akkuzat pprezentata fit-23 ta' Frar 1996 b'xi mod jista' jigi konsidrat bhala eccezzjoni dwar ammissibilita` jew inammissibilita` jew xi eccezzjoni preliminari u li essenzjalment l-istess paragrafu jikkostitwixxi reklam, jew talba biex il-Qorti tinnomina espert li jkun jista' jixhed dwar l-effetti msemmija f'min jaghmel uzu mill-kokaina. Fl-istess hin jirrizulta wkoll car li talba specifika ghan-**

**nomina ta’ perit da parti ta’ l-appellant ma saritx, u ghalhekk kienet korretta wkoll l-ewwel Qorti kwantu ikkonstatat dan il-fatt. Mill-banda l-ohra din il-Qorti tifhem ukoll il-preokkupazzjoni ta’ l-appellant illi in kwantu f’kaz bhal dan jista’ malli jizviluppa l-guri jhoss in-necessita` li jindirizza l-element tal-‘mens rea’ u jkun jirrikjedi opinjoni ta’ espert in materja ta’ effetti fizici, psikologici u mentali rizultanti mill-uzu tal-kokaina, dan huwa inabilitat milli jaghmlu, peress li fil-process kriminali ma jidhirx li ghandu l-possibilita` li jipprezenta espert hu ex parte biex jaghmel din il-prova. Anqas ma jidher li f’dan il-kaz kien gie mqabbad xi espert biex jezamina l-istat mentali psikologiku ta’ l-appellant f’xi hin waqt il-proceduri u ghall-fini tal-proceduri li jista’ talvolta jigi ezaminat jew kontroezaminat. F’dan il-kuntest certament id-difiza hija inabilitata u jekk, billi s-sistema taghna in kamp penali tipprovdi biss li jigi nominat mill-Qorti, in-nuqqas tal-Qorti li tinnomina tali perit evidentement jista’ jarreka pregudizzju ghad-difiza. Pero` daqshekk biss din il-Qorti jidhrilha li ghandha tghid in materja, peress li kif inghad, hija taqbel ma’ l-ewwel Qorti li l-paragrafu F fin-nota ta’ l-akkuzat tat-23 ta’ Frar, 1996, ma jistax taht ebda figura jigi konsidrat bhala xi eccezzjoni preliminari fis-sens ta’ l-artikolu 650 tal-Kodici Kriminali. Dak li evidentement ghandu jsir huwa li ssir talba ad hoc, u cioe` talba lill-ewwel Qorti ghan-nomina ta’ espert fil-materja msemmija biex jekk din jidhrilha xieraq u opportun, hija tiddeciedi dwaru. Iktar minn hekk pero` din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha xi tghid. Tirrepeti biss il-fehma taghha dwar il-htiega li hemm illi f’materja bhal dawn, specjalment jekk ikun hemm indikazzjoni mid-difiza li tista’ tkun sprovvista minn mezz uniku disponibbli biex taghmel prova taghha, huwa dover tal-Qorti li taghmel l-apprezzament opportun u li tiehu decizjoni adegwata ghal dan il-bzonn.”**

Fl-udjenza tal-25 ta’ Gunju 1998, il-Qorti Kriminali appuntat il-guri ghall-1 ta’ Frar 1999. Fit-22 ta’ Jannar 1999 l-appellant intavola rikors fejn talab id-differiment tal-guri peress illi kien ipprezenta rikors kostituzzjonali

precizament dwar il-kwistjoni tan-nomina ta’ espert. Din it-talba giet michuda izda fl-udjenza ta’ l-1 ta’ Frar 1999 id-difensuri ta’ l-appellant talbu differiment peress illi kienu ghadhom kif spiccaw guri ta’ tliet gimghat u hassew li ma kinux f’posizzjoni li jaghtu l-ahjar servizzi lill-appellant. Il-prosekuzzjoni rrimettiet ruhha ghat-talba ta’ l-appellant u bi ftehim mad-difensuri u l-prosekutur gie differit ghat-13 ta’ Settembru 1999.

Fl-4 ta’ Frar 1999 l-appellant ipprezenta rikors fejn talab specifikatament in-nomina ta’ espert ghall-finijiet minnu msemmija. B’digriet tat-22 ta’ Frar 1999 l-ewwel Qorti cahdet it-talba f’dak l-istadju wara li qalet hekk:

**“3. Din il-Qorti tosserva li l-‘eccezzjoni’ F tal-akkuzat (li l-Qorti ta’ l-Appell Kriminali qalet li ma kienet eccezzjoni xejn) moqrija mal-partita numru 16 fil-lista tax-xhieda tieghu kienet fis-sens li l-espert jew esperti kellhom jigu nominati mill-Qorti ‘ghal waqt il-guri’. Dan hu dak li din il-Qorti diga` esprimiet li bihsiebha taghmel. Pero` l-akkuzat ma jistax jippretendi li tali espert jigi nominat <u>issa</u> biex jirrelata <u>qabel il-guri</u>. Apparti illi kieku ried l-akkuzat kellu l-istruttorja kollha li matulha seta’ jitlob in-nomina ta’ espert biex jirrelata fil-kors tal-istess kumpilazzjoni (u kieku tali prova giet michuda mill-Qorti Istruttorja kien ikun hemm lok ta’ eccezzjoni tan-nullita` tal-att ta’ akkuza – Art. 597(4) Kap. 9), f’dana l-istadju li jinsabu fih il-proceduri xhud mitlub minn parti jew ohra jista’ jinstema’ qabel il-guri biss fil-kazijiet kontemplati fis-subartikolu (4) tal-Artikolu 406, u cioe` jekk dak ix-xhud ikun ser isiefer jew ikun f’periklu tal-mewt jew fi stat li x’aktarx ma jkunx jista’ jidher fil-kors tal-guri. Ebda wahda minn dawn ic-cirkostanzi ma tapplika ghall-kaz odjern. Il-ligi ma tipprovdi ebda mekkanizmu procedurali iehor biex xhud – sia jekk mitlub mill-prosekuzzjoni u sia jekk mitlub mid-difiza – jixhed fl-istadju ta’ bejn l-istruttorja u l-guri proprju (salv, naturalment, meta, fl-istadju opportun u bil-modalitajiet stabbiliti fil-ligi, tigi sollevata l-eccezzjoni tad-demenza jew xi eccezzjoni ohra bhalma hemm provvdut fl-Artikolu 620(1) tal-Kodici Kriminali,**

**sitwazzjonijiet dawn, pero`, li ma japplikawx ghall-kaz odjern);**

**4. Kwantu ghal dak li jinghad fit-tieni paragrafu tar-rikors, u cioe` li l-akkuzat qed jitlob li jigi 'konsultat fuq ix-xelta ta' dan l-espert', il-Qorti hi tal-fehma li ma hemmx lok ta' tali 'konsulta'; l-espert jigi nominat fil-bidu tal-guri mill-Qorti. L-akkuzat (kif ukoll il-prosekuzzjoni) ikollu l-opportunita` li jirrikuza l-espert hekk nominat skond l-Artikolu 651 tal-Kap. 9. Kwantu, imbaghad, ghal dak li l-imsemmi espert ser ikun mitlub jaghmel biex jespleta l-inkarigu tieghu, dan ser ikun konformi ma' dak indikat fil-partita 16 tal-lista tax-xhieda tal-akkuzat u l-'eccezzjoni' F tieghu; fi kliem iehor l-espert hekk nominat jigi mitlub iwiegeb ghall-mistoqsijiet kollha, regolarment maghmula, tad-difiza dwar 'l-effetti psikologici, mentali u fizici li jhallu fil-bniedem li jkun qed jabbuza mid-droga kokaina u dwar fatti u cirkostanzi konnessi ma' dan is-suggett', kif ukoll iwiegeb dwar 'l-effetti li din [id-droga kokaina] thalli fil-persuna li jehodha, kif teffettwa lil tali persuna mill-att psikologiku mentali u fiziku u dwar fatti u cirkostanzi ohra konnessi ma' din il-materja';**

**5. Il-Qorti mhix tal-fehma li ghandha tinnomina l-espert qabel il-bidu tal-guri, mhux biss sabiex tassigura li l-persuna minnha nominata tkun verament disponibbli ghall-istadju tad-difiza fil-guri, izda anke biex, stante d-delikatezza tal-kaz, tevita mqar is-suspett li xi parti jew ohra fil-kawza setghet avvicinat lill-persuna hekk nominata dwar il-kaz."**

Fl-udjenza tal-21 ta' Lulju 1999 l-ewwel Qorti saqsiet lill-partijiet jekk joggezzjonawx ghan-nomina ta' Dr. Joseph Spiteri f'kaz li ssir talba mid-difiza ghan-nomina ta' espert fil-kors tal-guri u l-Qorti tilqa' tali talba. Id-difiza, minbarra li rregistrat l-oggezzjoni taghha ghall-procedura li kienet giet uzata mill-Qorti, talbet ir-revoka *contrario imperio* tad-digriet tat-22 ta' Frar 1999 u talbet ukoll ftit zmien sabiex twiegeb ghall-kwezit tal-Qorti. Il-prosekuzzjoni opponiet l-eventwali nomina ta' espert. Imbaghad fl-udjenza tat-28 ta' Lulju, l-ewwel Qorti cahdet it-talba tad-difiza ghar-

revoka tad-digriet imsemmi filwaqt illi, bl-istess rizervi li kienu registrati precedentement, id-difiza u l-prosekuzzjoni stqarrew li ma kellhomx oggezzjoni ghan-nomina ta’ Dr. Spiteri.

B’sentenza taghha tat-30 ta’ Awissu 1999, il-Prim’Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) sabet illi ma kienet tirrizulta ebda lezjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu u ghalhekk cahdet it-talbiet tieghu sabiex jigi dikjarat li n-nuqqas li jigi nominat espert fil-kamp tal-effetti li ggib d-droga kokaina u li jirrelata dwar l-istess qabel ma jibdew il-proceduri quddiem il-gurija jivvjola d-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq kif protett fl-Artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u fl-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u konsegwentement tghaddi sabiex taghti kull provvediment li jidhrilha xieraq.

Fit-13 ta’ Settembru 1999, l-ewwel jum tal-guri, id-difiza effettivament talbet in-nomina ta’ espert kif originarjament mitlub, il-prosekuzzjoni opponiet u l-ewwel Qorti nnominat lill-psikjatra Dr. Joseph Spiteri **“bhala perit sabiex fl-istadju opportun iwiegeb ghall-mistoqsijiet kollha, regolarment maghmula, tad-difiza dwar l-effetti psikologici, mentali u fizici li jhallu fil-bniedem li jkun qed jabbuza mid-droga kokaina u dwar fatti u cirkostanzi konnessi ma’ dan is-suggett, kif ukoll iwiegeb dwar l-effetti li din id-droga kokaina thalli fil-persuna li jehodha, kif teffettwa lil tali persuna mil-lat psikologiku, mentali u fiziku, u dwar fatti u cirkostanzi ohra konnessi ma’ din il-materja, sabiex jigi kontro-ezaminat mill-prosekuzzjoni.”** Inoltre dik il-Qorti awtorizzat **<u>“kemm lill-avukati difensuri kif ukoll lill-avukat prosekutur sabiex jikkomunikaw u jikkonsultaw ruhhom mal-imsemmi perit anke qabel ma dan jigi prodott biex jixhed”</u>** (sottolinear ta’ din il-Qorti).

Minn dan kollu suespost hi l-fehma ta’ din il-Qorti illi l-ewwel Qorti ma wettqet l-ebda irregolarita` fil-procedura li adoperat. Din il-Qorti tapprezza sew ir-ragunijiet li wasslu lil dik il-Qorti biex tinnomina l-espert psikjatra hekk kif

beda l-guri u li hija elenkat fid-digriet taghha tat-22 ta' Frar 1999.

L-appellant jghid illi t-talba ghan-nomina ta' espert psikjatra jmissha saret mill-prosekuzzjoni – izda l-prosekuzzjoni mhijiex tenuta li taghmel dak li jmur kontra l-konvinciment taghha; difatti l-prosekuzzjoni baqghet topponi n-nomina ta' espert ghall-finijiet mitluba mill-appellant. U jekk l-appellant, ghalkemm kif jghid korrettement ma hemm l-ebda disposizzjoni fil-ligi taghna li tobbligah li jaghmel dan, kien diga` intenzjonat li jressaq linji ta' difiza bbazati, fost ohrajn, fuq is-subartikoli (2) u (4) ta' l-artikolu 34 tal-Kap. 9, certament ma kien hemm xejn x'izommu milli jitlob in-nomina ta' espert jew esperti waqt il-proceduri quddiem il-Qorti Istruttorja li damu b'kollox mill-25 ta' Settembru 1994 sa l-20 ta' Dicembru 1995. Ma jistax pero` jippretendi li jezisti tali obbligu fuq il-prosekuzzjoni. L-appellant jissuggerixxi illi l-ewwel Qorti jmissha baghtet l-atti quddiem il-Qorti Istruttorja sabiex jigi nominat u jinstema' tali espert. Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 406 tal-Kap. 9 jipprovdi li dan jista' jsir, wara li jkun gie pprezentat l-att ta' l-akkuza, b'rikors lill-Qorti Kriminali **"ta' l-Avukat Generali jew ta' l-imputat"**, liema talba, skond is-subartikolu (4) ta' l-istess artikolu 406, **"<u>ma tigix milqugha</u> hlief meta l-qorti tkun sodisfatta li x-xhieda jkunu sejrin isiefru jew ikunu fil-periklu tal-mewt jew fi stat li aktarx ma jkunux jistghu jidhru l-qorti dak in-nhar tal-kawza"** (sottolinear ta' din il-Qorti). Fil-kaz in ezami ma kien hemm l-ebda wahda minn dawn ic-cirkostanzi prezenti.

Huwa minnu illi l-ewwel Qorti setghet tordna illi Dr. Joseph Spiteri jinstema' qabel ma bdew il-provi tad-difiza, izda tali espert kien gie nominat fuq talba specifika tad-difiza, bl-oppozizzjoni kontinwa tal-prosekuzzjoni, u kien indikat bhala wiehed mix-xhieda tad-difiza. Ghalhekk ma kien hemm l-ebda ostakolu legali sabiex l-ewwel Qorti tisma' lil dan ix-xhud fl-istadju tad-difiza u wara li kien xehed l-appellant. M'hemm l-ebda dubju illi d-difiza kellha kull opportunita` kieku riedet illi, fid-dawl tal-provi li kienu tressqu quddiem il-Qorti Istruttorja, taghmel il-konsultazzjonijiet kollha mehtiega ma' l-esperti taghha u,

jekk jidhrilha, tavvanza l-eccezzjoni **"tal-genn fiz-zmien tar-reat jew kull eccezzjoni ta' kull punt iehor ta' fatt li jnehhi l-imputabilita` ta' l-akkuzat jew illi minhabba fih il-kawza m'ghandhiex titmexxa ghal mument, jew f'ebda zmien iehor 'il quddiem"** (artikolu 449(1)(f) tal-Kap. 9). L-appellant seta' anke uzufruwixxa ruhu mill-artikolu 620 tal-Kap. 9, u cioe` illi, permezz ta' rikors quddiem il-Qorti Kriminali, igib 'il quddiem **"kull allegazzjoni ta' genn, jew ta' kull fatt iehor li, minhabba fih, jekk il-fatt ikun veru, l-akkuzat m'ghandux, sew ghal dak il-waqt kemm f'kull zmien 'il quddiem, jigi msejjah biex iwiegeb ghall-akkuza, jew ighaddi guri, jew jiskonta l-piena"**. Tali allegazzjoni fil-fatt saret wara li kienu nstemghu l-provi kollha, inkluz l-appellant, izda <u>qabel</u> ma xehed Dr. Joseph Spiteri, u dan permezz ta' rikors ipprezentat fit-23 ta' Settembru 1999 fl-udjenza quddiem il-Qorti Kriminali. U permezz ta' verbal tad-difensuri ta' l-appellant, fuq mistoqsija tal-Qorti, specifikaw illi l-eccezzjoni li kienet qed tigi sollevata kienet fil-fatt dik "tad-demenza u mhux kurrenti kollettorali [**recte:** kollaterali] ohra", u dan b'referenza ghall-kapi 1, 2, 4, 5, 6, 7 u 8 ta' l-att ta' l-akkuza. Il-prosekutur, permezz ta' nota pprezentata a tenur ta' l-artikolu 621 tal-Kap. 9, ikkontesta l-allegazzjoni ta' genn ta' l-appellant. Kien biss wara li xehed Dr. Joseph Spiteri, li l-prosekuzzjoni talbet in-nomina ta' periti fil-fard skond l-artikolu 650(1)(4) sabiex jirrelataw dwar l-istat mentali ta' l-appellant, izda saret oggezzjoni da parti tad-difiza u t-talba ma gietx milqugha mill-Qorti fl-istadju li kien wasal fih il-guri.

Filwaqt illi din il-Qorti mill-gdid ttenni li ma saret l-ebda irregolarita` da parte ta' l-ewwel Qorti, tosserva illi d-difiza u l-prosekuzzjoni hadu d-decizjonijiet li dehrilhom li kellhom jiehdu dwar l-ahjar mod li bih kellhom jittrattaw il-kaz u l-procedura addottata mill-ewwel Qorti kienet konsonanti mal-ligi. Dwar kummenti ta' l-ewwel Qorti fl-udjenzi u fl-indirizz, din il-Qorti tikkummenta fis-segwenti parti ta' din is-sentenza.

Bizzejjed jinghad hawn illi l-process irid jigi ezaminat fit-totalita` tieghu bhalma jrid jigi ezaminat ukoll l-indirizz sabiex jista' jigi determinat jekk minhabba xi kumment li

jkun sar jew xi incident partikolari jkunx sehh xi nuqqas fl-amministrazzjoni tal-gustizzja. Hekk, per ezempju, l-allegata titubanza biex l-ewwel Qorti taccetta li titqassam kopja tar-relazzjoni ta’ Dr. Spiteri lill-gurati ma tistax titqies bhala titubanza li setghet teffettwa lill-gurati. Difatti dik il-Qorti riedet l-ewwel illi tara r-relazzjoni hi – kif kellha kull dritt li taghmel – qabel ma titqassam kopja u ma jidhirx illi wara kien hemm xi dewmien sabiex tordna li titqassam kopja. L-ilment ta’ l-appellant f’dar-rigward ghalhekk huwa wiehed fieragh bhalma huwa  fieragh ukoll l-ilment li l-gurati seta’ ghaddielhom minn mohhhom li qed isir xi haga rregolari min-naha tad-difiza ghax l-ewwel Qorti ma ccensuratx lill-prosekuzzjoni meta saqsiet lil Dr. Spiteri jekk kienx ra lill-appellant il-habs pero` mhux fuq il-mertu tal-kaz. Jekk dik kienet il-verita`, ma kien hemm l-ebda raguni biex wiehed jahrab minnha, ma setax iwassal lill-gurati biex jahsbu li Dr. Spiteri kkonkluda kif ikkonkluda ghax kien ra lill-appellant qabel fuq xi haga li m’ghandhiex x’taqsam mal-mertu tal-kaz.

**B. Irregolaritajiet Ohra**

L-appellant jilmenta mill-intromissjonijiet ta’ l-ewwel Qorti. Jghid illi l-funzjoni ta’ l-Imhallef hi li jippresjedi l-guri, u cioe` illi jassigura illi l-process jigi kondott skond il-ligi, illi d-domandi li jkunu qed isiru jkunu rilevanti ghall-kaz u illi jiddeciedi fuq xi punt ta’ dritt li jinqala’ fil-kors tal-guri. Skond l-appellant, il-gudikant ghandu jaghmel domandi preferibbilment fl-ahhar u sabiex jigu ccarati certu punti u mhux sabiex ix-xhud jigi ezaminat fit-tul qisu qed isir xi ezami minn wahda mill-partijiet, u mhux gust illi l-Qorti terga’ tiftah diversi punti li dwarhom ikun diga` saru domandi ghax f’dak l-istadju l-akkuzat ma jkollux l-opportunita` li jeffettwa kontro-ezami ghad-domandi tal-Qorti. U jekk issir talba ghal xi domandi addizzjonali, il-gurati jkunu qed jigu influwenzati b’mod illi l-Qorti tkun iffurmat certi veduti dwar punti ta’ fatt. Meta Qorti tiehu xhud f’idejha, tkun qed taghmel indhil ingust fil-qadi ta’ l-ufficjal taghha. Jghid li tul dan il-process id-difiza pprotestat f’diversi okkazjonijiet dwar dan il-fatt.

L-appellant jilmenta wkoll mill-fatt illi wara l-gheluq ta' l-ezami u l-kontro-ezami l-ewwel Qorti *sua sponte* qrat lix-xhud it-testimonjanza li kien ta fl-istruttorja u gie mitlub jekk jikkonfermahiex jew le. Jghid li b'dan il-mod il-Qorti kienet qed tassumi l-funzjoni ta' parti meta taf illi f'dak l-istadju l-parti ma tista' taghmel xejn biex tikkontrolla. Meta f'okkazjoni wahda, id-difiza, fl-assenza tal-gurati, ogezzjonat ghal tali prassi, l-ewwel Qorti ma ghaddietx biex taqra lix-xhud id-deposizzjoni tieghu fl-istruttorja.

L-appellant jilmenta wkoll minn kummenti ta' l-ewwel Qorti f'diversi okkazjonijiet. Jghid li kien hemm kummenti waqt li qed jiddeponu xi xhieda li wrew bl-akbar mod car li dak li kien qed jghid ix-xhud ma kellux validita` legali. Isemmi kummenti ta' l-ewwel Qorti waqt li kien qed jixhed Dr.Joseph Spiteri – li jsostni ghandhom isiru fl-istadju ta' l-indirizz u li f'dan il-kaz lanqas ma kienu korretti – u waqt li kien qed jixhed Vince Attard. Jghid li r-rwol tal-gudikant ghandu jkun aktar sensittiv, stante li ma hemm l-ebda dubju li l-gurati jkunu qed iharsu lejn l-Imhallef togat ghal kull imbekkata ghall-veduti tieghu fuq il-kaz, minghajr interferenzi. Dan ma jfissirx, jissokta l-appellant, li wiehed ghandu jorbot idejn il-gudikant li ma jmexxix il-guri skond il-ligi; il-gudikant ghandu pero` jidhol in xena meta jkun hemm bzonn u mhux f'kull hin sabiex jidhol fuq ix-xoghol ta' l-avukat meta dan ikun qed isir skond il-ligi.

L-appellant ikompli jilmenta illi l-ewwel Qorti kkummentat anke fil-kors li kienet qed issir l-arringa tad-difiza u fil-kontro-replika, irrepetiet lill-gurati *ad nauseam* illi l-gurati ma kellhomx jilhqu decizjoni qabel ma jkunu semghu l-indirizz tal-Qorti, u meta d-difiza spiccat il-kontro-replika ghamlet indirizz informali fejn qalet illi fuq certi punti legali kellha veduti ohra.

Fost id-doveri tal-Qorti waqt il-guri, hemm dawk li zzomm il-bon-ordni tas-seduta, li triegi s-smigh tal-kawza u li taghmel, f'dak kollu li mhux projbit jew mhux ordnat mil-ligi taht piena ta' nullita`, kull ma jidrilha, fid-diskrezzjoni taghha, li hu mehtieg ghat-tikxif tal-verita` (art. 436(3)(a)(b)(c) tal-Kodici Kriminali). L-istess Kodici jipprovdi wkoll ghall-ordni li ghandu jithares fis-smigh tax-

xhieda (art. 459) u ghad-dritt tal-kontro-replika wara r-replika tal-prosekuzzjoni (art. 464).

Dwar il-kondotta ta' l-Imhallef li jkun qieghed jippresjedi guri, Rosemary Pattenden, fil-ktieb taghha **Judicial Discretion and Criminal Litigation** (OUP 1990), tghid[1]:

**"The English criminal trial is adversarial, which means that the parties determine the evidence to be called and the manner and timing of its presentation. The self-interest of the parties, so the theory goes, will ensure that all issues of law and fact are thoroughly aired. If taken to its logical conclusion this principle reduces the role of the judge to that of an umpire – someone whose job it is to see that the rules are obeyed but who takes no direct part. But theory and practice do not entirely coalesce and criminal judges are not, as the Supreme Court of Canada once put it, 'sphinx judges'. A trial is more than a contest between two parties. There is a public interest in seeing that justice is done and since the parties may be unevenly matched the judge may have to involve himself in the trial to ensure that the truth emerges. So long as he acts fairly and preserves an appearance of impartiality he will not be criticized for taking a relatively active stance.**

**One of the ways in which the judge may participate in the trial is by questioning witnesses. This is an example *par excellence* of the exercise of discretion during a criminal trial … in *R. v. Evans* Lord Justice Scarman affirmed that although 'our system is accusatorial and it is not the part of a Judge to run the case for the Crown or to run the case for the defence but to keep himself apart from the arena in which battle is joined, yet he does have a duty to ensure that justice is done and, if he thinks that justice requires him to put questions, then he has the right and the duty to intervene."**

[1] F'pagna 98.

U f'Archbold, Criminal Pleading, Evidence and Practice, 2001, para. 7-81, pagna 930 u 931, naqraw:

**"Interventions by the judge during a trial will lead to the quashing of a conviction: (a) when they have invited the jury to disbelieve the evidence for the defence in such strong terms that the mischief cannot be cured by the common formula in the summing up that the facts are for the jury, and that they may disregard anything said on the facts by the judge with which they do not agree; (b) when they have made it impossible for defending counsel to do his duty; (c) when they have effectively prevented the defendant or a witness for the defence from telling his story in his own way: *R. v. Hulusi and Purvis*, 58 Cr.App.R. 378, CA; see also *R. v. Frixou* [1988] Crim.L.R. 352, CA, and *R. v. Roncoli* [1998] Crim.L.R. 584, CA…. In *R. v. Matthews and Matthews*, 78 Cr.App.R. 23, the Court of Appeal said that in considering the effect of interventions made by the trial judge the critical aspect of the investigation was the quality of the interventions as they related to the attitude of the judge as might be observed by the jury and the effect that the interventions had either on the orderly, proper and lucid deployment of the defendant's case by his advocate or on the efficiency of the attack to be made on the defendant's behalf on vital prosecution witnesses by cross-examination administered by his advocate on his behalf. Ultimately the question was: might the case for the defendant as presented to the jury over the trial as a whole, including the adducing and testing of evidence, the submissions of counsel and the summing up of the judge, be such that the jury's verdict might be unsafe?"**

Din il-Qorti taqbel mal-principji li jemergu minn dawn il-brani, taqbel li l-Imhallef li jippresjedi guri m'ghandux ikun **"a sphinx judge"** u inoltre fil-fehma taghha, l-ebda wahda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fil-bran citat mill-Archbold ma temergi f'dan il-kaz. Minn ezami li din il-Qorti ghamlet tat-traskrizzjonijiet tax-xiehda, ma jirrizultax li l-ewwel Qorti eccediet il-limiti tad-diskrezzjoni taghha f'dik li

hi l-mod u l-istanzi li hija interveniet biex taghmel mistoqsijiet lix-xhieda. Bil-mistoqsijiet li ghamel l-Imhallef sedenti fil-guri ma jistax jinghad illi huwa seta' gieghel lill-gurati jaslu ghal xi konkluzjonijiet prematuri. Dak li l-appellant jilmenta minnu li kienet interferenza ingustifikata da parti ta' l-ewwel Qorti fil-fehma ta' din il-Qorti ma tistax titqies bhala interferenza li ostakolat lid-difiza milli taghmel ix-xoghol taghha. Bosta mill-interventi ta' l-ewwel Qorti kienu intizi biex jiccaraw xi xiehda jew biex jigu spjegati xi punti ta' dritt lill-gurati. Il-fatt imbaghad illi l-ewwel Qorti qrat xi deposizzjonijiet li kienu taw xi xhieda fl-istruttorja sabiex jghidu jekk humiex jikkonfermawhom jew le, ghalkemm strettament mhux essenzjali galadarba waqt ix-xiehda taghhom *viva voce* x-xhieda koncernati b'mod generali ma kinux ikkontradicew dak li kienu qalu fl-Istruttorja ma jistax jitqies bhala irregolarita`. L-akkuzat u x-xhieda tad-difiza xehdu bil-liberta` kollha u ma jirrizultax li l-Imhallef li ppresjeda l-guri b'xi mod eskluda l-liberta` ta' razocinju tal-gurati. Apparti dan huwa ovvju li l-Imhallef huwa fid-dover li jirrileva dawk il-punti mill-fatti li huwa jikkunsidra necessarji u indispensabbli biex il-gurati jkunu jistghu jaslu ghall-konkluzjoni taghhom, u li jirrelevahom bl-ahjar mod possibbli u car, kif jifhem hu, b'dan pero` illi jaghmilha cara lill-gurati illi huma dejjem liberi illi ma jaqblux mal-mod kif ikun qieghed jindirizzahom ghal dak li huwa apprezzament ta' fatt. Bhalma huwa fid-dover ukoll li jispjega l-linji difensjonali. F'dan, l-Imhallef li ppresjeda l-guri fil-kaz in ezami ma naqasx. Huwa evidenti li dak kollu li ghamlet l-ewwel Qorti ghamlitu skond il-ligi, fid-diskrezzjoni taghha, u bl-iskop ahhari li jsir it-**tikxif tal-verita`**.

**<u>2. Kien hemm interpretazzjoni jew applikazzjoni tal-ligi li seta' kellha influwenza fuq il-verdett</u>**

Hawn l-appellant ghandu diversi lmenti izda qabel xejn din il-Qorti sejra taghmel is-segwenti premessi:

Il-guri f'dan il-kaz dam mit-13 ta' Settembru 1999 sad-29 ta' Settembru 1999. Bhalma qal Lord Alverstone, C.J. in re R. v. Stoddart (1909) 2 Cr.App.R. 217 (**Archbold,**

**Criminal Pleading, Evidence and Practice, 2003**, para. 7-53 p. 936):

**"Probably no summing up, and certainly none that attempts to deal with the incidents as to which the evidence has extended over a period of twenty days, would fail to be open to some objection …. Every summing-up must be regarded in the light of the conduct of the trial and the questions which have been raised by the counsel for the prosecution and for the defence respectively. This Court does not sit to consider whether this or that phrase was the best that might have been chosen, or whether a direction which has been attacked might have been fuller or more conveniently expressed, or whether other topics which might have been dealt with on other occasions should be introduced. This Court sits here to administer justice and to deal with valid objections to matters which may have led to a miscarriage of justice".**

Fit-termini ta' l-artikolu 465 tal-Kodici Kriminali l-funzjoni ta' l-Imhallef fil-guri fl-istadju ta' l-indirizz hija li jfisser lill-guri x-xorta u l-elementi tar-reat migjub fl-att ta' akkuza, kif ukoll kull punt iehor tal-ligi li f'dak il-kaz partikolari jkollu x'jaqsam mad-dmirijiet tal-guri u li jigbor fil-qosor, bil-mod li jidhirlu mehtieg, ix-xiehda tax-xhieda u l-provi li jkunu marbutin maghhom, ifisser lill-guri s-setghat li ghandu fil-kaz partikolari, u jaghmel kull osservazzjoni ohra li tiswa biex triegi u turi lill-guri kif ghandu jaqdi sewwa d-dmirijiet tieghu.

Huwa evidenti illi dak li huwa l-aktar importanti f'dak li jiddisponi dan l-artikolu f'dan ir-rigward huwa l-principju bazilari ta' ekwita` u gustizzja li ghandu jirregola l-materja ta' l-indirizz u del resto tal-process kriminali kollu kemm hu, u cioe` li l-gurati ghandhom jitpoggew <u>fl-ahjar posizzjoni possibbli</u>, kemm ghal dik li hi ligi, kif ukoll ghal dawk li huma fatti, biex ikunu jistghu jaslu ghal verdett b'serenita` u bl-inqas komplikazzjonijiet u konfuzjoni possibbli, u fuq kollox li l-istess indirizz ikun bilancjat b'mod li l-gurati jkunu konxji l-ewwel u qabel kollox, illi

huwa l-istess Imhallef li huwa imparzjali fir-rigward tal-htija o meno ta' l-akkuzat u li ma jkunx wera preferenza jew ta aktar importanza lejn naha jew ohra. Huwa utili jigi riportat hawn dak li qal Lord Hailsham, L.C. f'*R. v. Lawrence* [1982] A.C. 510 at 519, H.L. (**Archbold**, *op. cit.*, para. 4-368, p. 460):

**"It has been said before but obviously requires to be said again. The purpose of a direction to a jury is not best achieved by a disquisition on jurisprudence or philosophy or a universally applicable circular tour round the area of law affected by the case. The search for universally applicable definitions is often productive of more obscurity than light. A direction is seldom improved and may be considerably damaged by copious recitations from the total content of a judge's notebook. A direction to a jury should be custom-built to make the jury understand their task in relation to a particular case. Of course it must include references to the burden of proof and the respective roles of jury and judge. But it should also include a succinct but accurate summary of the issues of fact as to which a decision is required, a correct but concise summary of the evidence and arguments on both sides and a correct statement of the inferences which the jury are entitled to draw from their particular conclusions about the primary facts."**

Kif intqal, kull indirizz irid ikun bilancjat, u l-kaz tad-difiza ghandu jigi pprezentat b'mod adegwat. Rosemary Pattenden, fil-ktieb taghha **Judicial Discretion and Criminal Litigation** (OUP 1990), tghid[2]:

**"Whatever mode of summing-up the judge employs he must ensure that the defence is outlined fairly. How this is done is governed by open-ended rules. The judge must put the 'substance' of the defence, however weak, save where the accused has failed to discharge an evidential burden. '[T]hat does not mean to say he is to paint in the details or to comment on**

[2] F'pagni 178 – 180.

**every argument which has been used or to remind them of the whole of the evidence which has been given…' (per Goddard LCJ, *Clayton-Wright* (1948) 33 Cr App R 22 p. 29). As the New Zealand Court of Appeal stressed in *R. v. Ryan* (per Richmond J., [1973] 2 NZLR 611 at p. 615): *'Each case obviously must be judged having regard to its own particular facts. In some cases it may be sufficient for the Judge to refer in the most general terms to the issues raised by the defence, but in others it may be necessary for him not merely to point out in broad terms what the defence is but to refer to the salient facts and especially those upon which the accused based his defence. Again, an election by the Judge to embark on a discussion of the evidence and inferences therefrom which are favourable to the Crown may throw upon him the duty of making some reference to any important features of the case which militate against those inferences'.***

**The summing-up, in other words, should look balanced, and any defence which is not merely fanciful or speculative, particularly in a homicide trial, must be put to the jury …. The Judge can, of course, comment adversely on an unconvincing defence ….”**

U f'**Blackstone's Criminal Practice 2001, para. D15.16, p. 1448**, naqraw:
**"Provided he emphasises that the jury are entitled to ignore his opinions, the judge may comment on the evidence in a way which indicates his own views. Convictions have been upheld notwithstanding robust comments to the detriment of the defence case (e.g. *O'Donnell* (1917) 12 Cr App R 219, in which it was held that the judge was within his rights to tell the jury that the accused's story was a 'remarkable one' and contrary to previous statements that he had made). However, the judge must not be so critical as to effectively withdraw the issue of guilt or innocence from the jury (*Canny* (1945) 30 Cr App R 143, in which a conviction was quashed because the judge repeatedly told the jury that the defence case was**

**absurd and that there was no foundation for defence allegations against the prosecution witnesses). It is the judge's duty to state matters 'clearly, impartially and logically', and not to indulge in inappropriate sarcasm or extravagant comment (*Berrada* (1989) 91 Cr App R 131)."**

Tajjeb ukoll li ssir referenza ghal dak li qal Simon Brown, L.J. f'*R. v. Nelson* [1997] Crim. L. R. 234, CA (kif ikkwotat f'**Archbold, Criminal Pleading, Evidence and Practice, 2003**, p. 464 para. 4-376, u li mieghu din il-Qorti taqbel perfettament:

**"Every defendant, we repeat, has the right to have his defence, whatever it may be, faithfully and accurately placed before the jury. But that is not to say that he is entitled to have it rehearsed blandly and uncritically in the summing up. No defendant has the right to demand that the judge shall conceal from the jury such difficulties and deficiencies as are apparent in his case. Of course, the judge must remain impartial. But if common sense and reason demonstrate that a given defence is riddled with implausibilities, inconsistencies and illogicalities … there is no reason for the judge to withhold from the jury the benefit of his own powers of logic and analysis. Why should pointing out those matters be thought to smack of partiality? To play a case straight down the middle requires only that a judge gives full and fair weight to the evidence and arguments of each side. The judge is not required to top up the case for one side so as to correct any substantial imbalance. He has no duty to cloud the merits either by obscuring the strengths of one side or the weaknesses of the other. Impartiality means no more and no less than that the judge shall fairly state and analyse the case for both sides. Justice moreover requires that he assists the jury to reach a logical and reasoned conclusion on the evidence."**

Huwa facli li jigu kkritikati siltiet u frazijiet ta' indirizz, izda, apparti li dawn iridu jigu kkunsidrati fil-kuntest taghhom, l-

<u>indirizz ghandu jigi kkunsidrat fit-totalita` tieghu</u> sabiex jigi determinat jekk setax sehh xi *"miscarriage of justice"*. Din il-Qorti ezaminat l-indirizz kollu ta' l-Imhallef sedenti fl-ewwel Qorti u sejra tikkunsidra d-diversi lmenti migjuba mill-appellant fl-ordni li jinsabu fir-rikors ta' appell u <u>fid-dawl tal-brani mill-awturi hawn fuq citati</u>:

A. L-appellant jghid illi wahda mil-linji difensjonali li avvanzat id-difiza hija l-eccezzjoni indikata fl-artikolu 34(2)(b) tal-Kodici Kriminali. Jghid li l-kompitu ta’ l-Imhallef hawn kien li jispjega lill-gurati l-kuncett tad-demenza fil-ligi taghna u kull konsiderazzjoni ohra hija stat ta’ fatt li taghha huma imhallfin il-gurati. L-appellant isostni illi l-gudikant ma jistax jghid illi l-gurati huma sovrani dwar punti ta’ fatt biex imbaghad jidhol f’konsiderazzjonijiet ta’ apprezzament b’mod li tali principju jigi rez ineffettiv. Jghid illi meta l-Ewwel Qorti tkellmet dwar il-kuncett tal-perit fil-ligi u l-valur probatorju tax-xiehda tieghu, u b’referenza partikolari ghal Dr. Spiteri, hija ghamlet valutazzjoni dwar punt ta’ fatt u wriet dubji serji dwar l-opinjoni tieghu, qalet li l-perit ma semax il-provi kif semghu l-gurati u ghamlet domandi retorici li r-risposti kienu ovvji. L-ewwel Qorti kienet taf li hija kienet awtorizzat lill-partijiet li juru lill-perit kull dokument u fatt dwar il-kaz, li d-difiza kienet tat id-deposizzjoni ta’ l-akkuzat moghtija fl-inkjesta. Ghalhekk kien hemm applikazzjoni zbaljata tal-ligi meta dik il-Qorti holqot dubju dwar l-opinjoni tal-perit. Izid jghid li filwaqt li l-ewwel Qorti qalet lill-gurati sabiex jaraw jekk l-opinjoni medika tinkwadrax fil-ligi, naqset tindirizzahom illi l-psikozi hija marda riskontrabbli fil-medicina u fil-ligi u li l-perit fil-konkluzjoni tieghu qal li l-appellant kien qed isofri minn psikozi u la kellu l-kapacita` “di intendere” u lanqas “di volere”.

Din il-Qorti hi tal-fehma illi l-ewwel Qorti kellha kull dritt taghmel l-osservazzjonijiet li hija ghamlet fl-indirizz taghha u li minnhom qieghed jilmenta l-appellant. Wara kollox huwa minnu illi l-espert in kwistjoni ma kienx sema’ l-provi kollha li kienu semghu l-gurati (bhal, per ezempju, x-xiehda tad-diversi ufficjali tal-Korp tal-Pulizija li nvestigaw il-kaz). Inoltre jirrizulta illi fl-indirizz, ghalkemm l-ewwel Qorti rreferiet ghall-opinjoni medika minghajr ma semmiet

x'kienet dik l-opinjoni[3], meta kienet qed tittratta l-linji difensjonali u b'mod specifiku is-sinifikat ta' "genn", irreferiet ghal diversi drabi ghall-htiega li tali kondizzjoni trid iggib fix-xejn il-kapacita` ta' persuna li taghraf (allura "di intendere") jew li trid (allura "di volere") sabiex tirnexxi l-eccezzjoni relattiva.

Irid jigi notat ukoll illi skond l-artikolu 656 tal-Kap. 9: **"Min ghandu jiddeciedi mhux marbut li joqghod ghall-fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu."** L-ewwel Qorti kienet korretta meta qalet illi f'dan il-kaz din ir-regola kienet tassumi importanza partikolari peress illi certi linji difensjonali kienu jiddependu minn jekk il-gurati jaccettawx jew le, b'mod partikolari, il-konkluzjonijiet ta' Dr. Spiteri. Jigifieri l-Qorti kienet qed taghmel il-posizzjoni fil-ligi cara lill-gurati, filwaqt li spjegatilhom li **"kontra l-perswazjoni"** taghhom ma kienx ifisser **"kontra l-kapricc ta' mohhkom"** izda ghal raguni valida legalment.

Din il-Qorti tirribadixxi dak li qalet aktar 'il fuq illi l-ewwel Qorti ma eskludiet bl-ebda mod il-liberta` ta' razocinju tal-gurati. Enfasizzat diversi drabi li kienu l-gurati li kellhom jiddeciedu fuq il-fatti, li l-fatti huma dawk li jaccettaw huma u mhux li qalulhom il-prosekuzzjoni jew id-difiza jew l-istess Qorti, u li kellhom jaslu ghad-decizjoni taghhom a bazi ta' konsiderazzjoni tal-provi fl-assjem taghhom. Spjegatilhom il-principji kollha applikabbli, fosthom kif il-piz tal-prova qieghed fuq il-prosekuzzjoni, il-prezunzjoni ta' l-innocenza ta' l-akkuzat, il-grad ta' prova li jrid jintlahaq mill-prosekuzzjoni u dak li jrid jintlahaq mill-akkuzat. Enfasizzat li ma kellhomx ihallu s-simpatija jew antipatija lejn l-appellant jew lejn xi vittma tinfluwenzahom fid-decizjoni taghhom izda kellhom jezaminaw il-provi spassjonatament.

Dan kollu qieghed jinghad peress illi minnu jidher li l-ewwel Qorti kienet cara fl-ispjegazzjonijiet taghha lill-gurati dwar x'kienet il-funzjoni taghhom. Jigifieri huma tqieghdu fl-ahjar posizzjoni possibbli sabiex setghu jaqdu tali funzjoni skond il-ligi. Barra minn hekk il-kummenti ta'

[3] L-ewwel parti ta' l-indirizz pagna 11.

dik il-Qorti jridu jitqiesu li ntqalu fid-dawl ta' l-avvertimenti kontinwi li saru lill-gurati tul il-perkors ta' l-indirizz. Ghalhekk, u fid-dawl tal-brani citati aktar qabel mill-awturi Archbold, Pattenden u Blackstone, dik il-Qorti kellha kull dritt li taghmel il-kummenti li minnhom qieghed jilmenta l-appellant fil-kuntest li ghamlithom u fid-dawl tal-provi migjuba u tax-xiehda mismugha; u ghalhekk b'dawk il-kummenti ma sehhet ebda irregolarita`.

B. L-appellant jghid illi meta l-Qorti kienet qed tfiehem il-portata ta’ l-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali, sabiex tillustra t-tifsir ta’ certu kliem f’din id-disposizzjoni tal-ligi, gibdet ezempji bix-xhud Vince Attard dwar certi fatti li kienu rilevanti hafna u li permezz ta’ tali ezempji dik il-Qorti wriet direzzjoni cara fir-kamp ta’ l-apprezzament tal-fatti.

Hawn ukoll, wara ezami tal-parti relevanti ta’ l-indirizz u ghar-ragunijiet espressi fil-paragrafi precedenti u fid-dawl tal-brani succitati, din il-Qorti ma ssibx illi l-ilment huwa gustifikat u qieghed jigi respint.

C. Meta l-Qorti kienet diga` spjegat l-elementi tad-delitti ta’ omicidju volontarju u ferita gravi segwita bil-mewt, hija, rigwardanti l-intenzjoni, stiednet lill-gurija taghmel hames domandi li ma jirrispekkjawx il-linji difensjonali mressqa mid-difiza u di piu` l-ordni tad-domandi ma jwassalx ghal valutazzjoni korretta. Isostni li l-linja difensjonali fl-artikolu 227(c) rigwardanti l-agitazzjoni tal-mohh hija ghal kollox skartata. L-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti dahlet superficjalment fl-ispjegazzjoni ta’ din l-iskuzanti meta kienet qed tqis il-linja difensjonali tad-demenza.

Dan l-ilment huwa fieragh. Il-fatt li l-ewwel Qorti ma rreferietx specifikatament ghad-difiza ta’ l-agitazzjoni tal-mohh meta stiednet lill-gurati jaghmlu hames mistoqsijiet lilhom nnifishom, u dan f’dik il-parti ta’ l-indirizz fejn kienet qed titkellem dwar l-element ta’ l-intenzjoni fir-rigward ta’ l-ewwel zewg kapi[4], ma jfissirx li kienet qed teskludi mill-konsiderazzjoni taghhom uhud mil-linji difensjonali. Difatti

[4] L-ewwel parti ta’ l-indirizz pagna 24.

l-appellant ma jistax jghid illi l-ewwel Qorti skartat il-linja difensjonali taht l-artikolu 227(c) tal-Kodici Kriminali, u dahlet fiha hekk kif spiccat tikkunsidra d-difizi taht l-artikolu 34(2)(a)(b) u 34(4) tal-Kodici Kriminali meta qalet hekk[5] dwar l-iskuzanti ta' l-agitazzjoni tal-mohh:

**"Addirittura l-ligi taghna stess tipprovdi ghal sitwazzjoni meta jkun hemm l-intenzjoni akkompanjata mill-agitazzjoni tal-mohh. Il-bierah smajtu anke d-difiza, ipproponitilkom ukoll din bhala linja difensjonali sussidjarja, il-kwistjoni ta' l-agitazzjoni tal-mohh.**

**Jigifieri l-ligi stess tikkontempla sitwazzjoni fejn dak li jkun ikun ifforma l-intenzjoni li jaghmel xi haga pero` mohhu tant ikun agitat li ma jkunx jista' jirrifletti dwar il-konsekwenzi ta' dak li jkun ghamel. Fi kliem iehor ma hemmx necessarjament inkompatibilita` bejn l-intenzjoni u l-agitazzjoni tal-mohh. Kif ghidtilkom il-ligi stess tipprovdi ghal sitwazzjoni fejn persuna tista' tinsab hatja ta' omicidju volontarju u allura riedet toqtol jew tqieghed il-hajja ta' dak li jkun f'perikolu car, jew ta' offiza gravi segwita bil-mewt – fejn allura l-intenzjoni li kellha kienet li twegga' biss u mhux li toqtol – filwaqt li dik il-persuna tkun taht l-influwenza immedjata ta' agitazzjoni tal-mohh li minhabba fiha fil-waqt tad-delitt ma tkunx tista' tqis l-ghemil taghha. F'kaz bhal dan il-ligi tnaqqas ir-responsabbilta` ta' dak li jkun. Pero` dan juri li fil-ligi, il-fatt li dak li jkun ma jkunx jista' jqis l-ghemil tieghu, jigifieri bl-ingliz nghidu *'is incapable of reflecting'*, ma jfissirx li dak li jkun ma jistax jifforma l-intenzjoni li joqtol jew l-intenzjoni li jwegga', ghax jekk il-ligi qed tghidlek ghandek l-omicidju volontarju bl-iskuzanti ta' l-agitazzjoni tal-mohh, ghandek l-offiza gravi fuq il-persuna bl-iskuzanti ta' l-agitazzjoni tal-mohh, dik l-iskuzanti hija *an appendage* ghar-reat. Jigifieri l-ligi qed tghidlek hemm l-elementi kollha tar-reat ta' omicidju volontarju jew hemm l-elementi kollha tar-reat ta' ferita gravi segwita bil-mewt, pero` hemm din**

[5] L-ewwel parti ta' l-indirizz pagna 32.

**l-iskuzanti ta' l-agitazzjoni tal-mohh. X'ifisser dan? Li allura l-agitazzjoni tal-mohh mhux necessarjament teskludi l-intenzjoni – ghax l-agitazzjoni tal-mohh, kull ma tfisser fil-ligi taghna l-agitazzjoni tal-mohh, huwa li dik il-persuna ma kinitx kapaci tirrifletti fuq il-konsegwenzi ta' dak li qed taghmel. Biex ikollok skuzanti bhal ma hija l-iskuzanti ta' l-agitazzjoni tal-mohh ghal delitt, ifisser li jridu l-ewwel jikkonkorru l-elementi kollha tad-delitt u maghha jkun hemm ukoll l-iskuzanti, f'dan il-kaz l-iskuzanti ta' l-agitazzjoni tal-mohh. L-importanti li tiftakru bhala punt ta' dritt, sinjuri gurati, li l-agitazzjoni tal-mohh ma tfissirx necessarjament li ma hemmx intenzjoni. Addirittura l-ligi stess tikkontempla reat bhar-reat ta' omicidju volontarju skuzat bl-agitazzjoni tal-mohh. Mela allura jfisser li hemm l-elementi kollha ta' l-omicidju volontarju inkluza allura l-intenzjoni li noqtol jew li nqieghed il-hajja ta' dak li jkun f'perikolu car, pero` jkun hemm l-iskuzanti ta' l-agitazzjoni tal-mohh."**

U aktar 'il quddiem fl-indirizz, meta l-ewwel Qorti kienet qed tispjega l-verdetti alternattivi, qalet hekk[6]:

**"X'ifisser agitazzjoni tal-mohh fil-ligi taghna – diga` accennajt ghaliha – dina tfisser li l-mohh ta' dak li jkun ikun agitat, imhawwad – issa frott ta' biza', inkwiet, droga, emozzjoni, huwa rrilevanti – b'tali mod li huwa ma setax iqis l-ghemil tieghu – bl-ingliz nghidu *'he was incapable of reflecting'*. Hawn hekk tkun nieqsa mhux il-kapacita` li taghraf u li trid izda l-kapacita` li tirrifletti dwar il-konsekwenzi ta' dak li tkun qed taghmel. Mela sija jekk l-akkuzat ried joqtol lil Sultana jew iqieghed il-hajja tieghu f'perikolu car, u sija jekk ried semplicement jaghmillu hsara, tridu taraw jekk fil-mument tad-delitt mohh l-akkuzat kienx agitat b'tali mod li huwa ma kienx jista' jqis il-konsegwenzi ta' ghemilu. Jekk issibu din l-agitazzjoni tal-mohh tiddikjarawha billi tghidu li l-akkuzat huwa hati jew ta' omicidju volontarju, jew ta' offiza gravi li gabet il-mewt, b'dan li d-delitt sar fil-waqt li Muscat**

[6] It-tieni parti ta' l-indirizz pagna 1.

**kien taht influwenza immedjata – bl-ingliz … l-influwenza immedjata hija *first transport*. Jigifieri tant ma kellekx cans tirrifletti dwar il-konsekwenzi li qbadt u ghamilt xi haga – sewwa – first transport of mental excitement.”**

Kull kumment iehor ikun superfluwu.

D. L-appellant jilmenta illi l-ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni skorretta tal-ligi meta dahlet fi principji li hija tat lill-gurija bhala punt ta’ dritt dwar il-kuncett ta’ genn taht l-artikolu 34(2)(b) tal-Kodici Kriminali. Jilmenta li l-ewwel Qorti ma semmiet xejn dwar dak li qal Dr. Spiteri li l-appellant kien qed isofri minn paranoia akuta li gabet per necessita` agitazzjoni tal-mohh u allura ma setax jirrifletti fuq il-konsegwenzi ta’ l-agir tieghu. Anke dwar il-psikozi l-ewwel Qorti ma qalet xejn u l-gurati kellhom biss quddiemhom id-dubji kbar li qajmet l-ewwel Qorti. Jghid li l-Qorti ma ghamlitx distinzjoni bejn l-intenzjoni specifika u xi forma ta’ intenzjoni ohra. Jghid ukoll li jista’ jkollok bniedem affettat b’marda ta’ genn li jkollu l-kapacita` “di intendere” pero` mhux “di volere”, u din id-distinzjoni ma saritx adegwatament. Jirreferi ghal gurisprudenza tal-Qrati Inglizi li jghid li ma gietx segwita mill-ewwel Qorti u jilmenta li l-ewwel Qorti tat spjegazzjoni fit-tul ta’ x’inhi l-intenzjoni mill-punto di vista generali u dahlet fl-importanza u tat ezempji ta’ kif “foresight of consequences” kien determinanti ghal dan il-kaz.

Issa, f’dan il-kaz saret enfasi kbira fuq x’inhi l-intenzjoni u, kif qalet l-ewwel Qorti fl-indirizz taghha[7], **“il-qofol ta’ dan il-kaz kollu huwa dwar x’kellu f’mohhu li jaghmel l-akkuzat, jekk kellu f’mohhu li jaghmel xi haga u jekk setax jifforma intenzjoni li jaghmel xi haga”**. Ghalhekk certament parti sostanzjali ta’ l-indirizz kellha necessarjament tkun dedikata ghall-kwistjoni ta’ l-intenzjoni u jekk u kif din setghet giet nieqsa u sa liema grad bl-intossikazzjoni ta’ l-akkuzat.

---

7 L-ewwel parti ta’ l-indirizz pagna 25.

Dwar l-intossikazzjoni li twassal ghall-istat ta' genn l-ewwel Qorti qalet hekk fl-indirizz taghha[8]:

**"… wahda mill-eccezzjonijiet meta wiehed jista' jinvoka l-intossikazzjoni bhala difiza huwa jekk l-intossikazzjoni twassal ghal stat ta' genn. B'genn hawn hekk wiehed jifhem marda tal-mohh – jigifieri patologija dovuta direttament ghal intossikazzjoni li ggib fix-xejn f'dak li jkun jew il-kapacita` tieghu li jaghraf jew il-kapacita` tieghu li jrid … jew wahda jew l-ohra. Jekk iggib fix-xejn jew il-kapacita` tieghu li jaghraf jew il-kapacita` tieghu li jrid allura hemmekk jekk dik l-inkapacita` hija dovuta ghal marda tal-mohh – jigifieri marda li hija medikament accettata bhala marda tal-mohh – allura f'dak il-kaz ikollkom l-istat ta' genn.**

**Mela nerga' nirrepeti – b'genn wiehed jifhem marda tal-mohh, patologija, dovuta direttament ghal intossikazzjoni li ggib fix-xejn – fix-xejn – f'dak li jkun jew il-kapacita` tieghu li jaghraf jew il-kapacita` tieghu li jrid. B'genn hawn hekk mhux qed nitkellmu fi [recte: dwar] stat ta' konfuzjoni, sinjuri gurati, ta' tensjoni, ta' meta wiehed jghidlek qed niggennen bl-inkwiet li ghandi. Mhux dan li qed nifhmu hawn hekk stat ta' genn. Biex ikun hemm dan l-istat ta' genn dovut ghal intossikazzjoni jrid ikollok marda tal-mohh, jigifieri marda tal-mohh medikament riskontrabbli kif nafu, jigifieri li fix-xjenza medika, fix-xjenza psikjatrika hija rikonoxxuta bhala marda tal-mohh – sewwa – fil-mument li dak li jkun ghamel l-att in kwistjoni, u li dik il-marda tal-mohh tkun influwenzat b'mod partikolari l-kapacita` ta' dak li jkun li jaghraf, ossija li jifhem, jew il-kapacita` tieghu li jrid – tkun gabet wahda jew ohra minn dawn il-kapacitajiet fix-xejn, innewtralizzathom."**

U aktar 'il quddiem fl-indirizz[9]:

---

[8] L-ewwel parti ta' l-indirizz pagna 27.
[9] L-ewwel parti ta' l-indirizz pagna 33 – 36.

**"… fil-ligi mhux kull komportament abnormali, stramb jew bizzarr huwa ekwivalenti ghal genn…. B'genn fis-sens tal-ligi nifhmu li jrid ikun hemm marda tal-mohh u allura xi haga li fil-medicina hija maghrufa bhala marda tal-mohh, li ggib fix-xejn fil-bniedem jew il-kapacita` tieghu li jaghraf x'inhuwa jaghmel – dik li nsejhulha *la capacita` di conoscere* jew *la capacita` di intendere* – iggib fix-xejn fil-bniedem jew il-kapacita` tieghu li jaghraf x'inhuwa jaghmel jew – jew wahda jew l-ohra – iggib fix-xejn il-kapacita` tieghu li jrid, cioe` ggib fix-xejn il-volonta`, dik li nsejhula *la capacita` di volere*.**

**X'nifhmu fil-ligi meta nghidu li persuna ma ghandhiex il-kapacita` li taghraf? Infissru li dik il-persuna ma kenitx taf x'inhija taghmel jew ma kenitx taf li dak li ghamlet hija haga hazina. Bl-Ingliz nghidu *did not know the nature or the quality of the act, or did not know that it was wrong* ….**

**Mela jekk intom tghidu li fil-mument ta' l-att Muscat kien affett minn marda tal-mohh, marda tal-mohh li hija rikonoxxuta fil-medicina jew psikjatrija, tridu taraw pero` wkoll jekk minhabba din il-marda tal-mohh hu ma kienx jaf x'inhuwa jaghmel jew ma kienx jaf li dak li qed jaghmel kienet xi haga hazina, ghax jekk minkejja li kellu marda tal-mohh hu kien jaf x'inhuwa jaghmel f'dak il-mument partikolari …. Jekk minkejja li l-akkuzat kien fi stat – kif issemma' hawn hekk – psikotiku, jekk minkejja dak l-istat psikotiku fil-mument li ghamel xi att partikolari u dak l-att huwa kontra l-ligi … huwa kien jaf x'inhuwa jaghmel … u kellu volonta` bizzejjed, jigifieri kien irid, dak li kien qieghed jaghmel, allura minkejja li kien qieghed fi stat ta' psikozi allura ma hemmx il-genn fis-sens tal-ligi, sinjuri gurati ….**

**Jekk intom tkunu sodisfatti imqar fuq bazi ta' probabilita` li l-akkuzat kellu marda tal-mohh fil-mument li ghamel xi haga pero` tridu tkunu sodisfatti wkoll li dik il-marda tal-mohh gabet fix-xejn il-kapacita` tieghu li jaghraf jew li jrid – jekk gabet fix-**

**xejn wahda minnhom bizzejjed – ikollok l-istat ta' genn, allura intom tiddikjarawh mhux hati minhabba stat ta' genn …. Allura araw jekk hawn hekk hawnx prova li hawn kien hawn marda rikonoxxuta medikament - issemmiet psikozi, araw intom x'qal Dr. Spiteri, pero` tridu tkunu sodisfatti wkoll imqar fuq bazi ta' probabilita` li l-akkuzat meta ghamel dak li ghamel dik il-marda tal-mohh kienet qieghda tippriva kompletament mill-kapacita` li jaghraf jew mill-kapacita` li jrid. F'dak il-kaz ikollok id-demenzja fis-sens tal-ligi – u qeghdin taraw li d-demenzja fis-sens tal-ligi hija differenti mid-demenzja kif jifhmuha t-tobba, kif jifhimha l-psikjatra – il-psikjatra ghalih huwa stat ta' fatt kliniku … pero` wiehed irid jara f'dak l-istant partikolari ta' l-att kenitx qed iggib fix-xejn il-kapacita` ta' dak li jkun li jaghraf jew li jrid….**

**Jekk jirrizulta dan l-istat ta' genn anke jekk temporanju fil-mument tal-ghemil ta' xi reat, jigifieri marda tal-mohh li ggib fix-xejn il-kapacita` tal-bniedem li jaghraf jew li jrid fis-sens kif spjegajtilkom, allura dak il-bniedem ma hux kriminalment responsabbli ta' dak li ghamel, u dan irrispettivament minn jekk dak li jkun hax ix-xorb jew id-droga volontarjament o meno – hawn hekk meta si tratta ta' genn, sinjuri gurati, il-ligi ma tiddistingwix bejn *voluntary* jew *involuntary intoxication*, ma taghmilx differenza."**

Fil-fehma ta' din il-Qorti, dawn il-brani jirrapprezentaw esposizzjoni korretta tal-ligi, u cioe` tad-difiza taht l-artikolu 34(2)(b) tal-Kodici Kriminali. F'dawn il-brani wkoll naraw kif l-ewwel Qorti rreferiet darbtejn ghall-marda tal-mohh li ntqal li l-appellant kien affett biha u spjegat adegwatament id-distinzjoni bejn il-kapacita` *di intendere* u dik *di volere*. Kwistjonijiet ohra sollevati mill-appellant (bhal per ezempju d-distinzjoni bejn intenzjoni specifika u intenzjoni generika, "foresight of consequences") din il-Qorti hi tal-fehma li dawn gew sodisfacentement ventilati mill-ewwel Qorti fl-indirizz[10].

---

10 Ara per ezempju pagni 19 - 22

E. L-appellant jghid illi l-interpretazzjoni li l-ewwel Qorti tat dwar l-eccezzjoni taht l-artikolu 34(4) hija skorretta. Jghid illi l-ewwel Qorti qalet illi l-istat ta’ intossikazzjoni jrid ikun tali li “dak li jkun addiritura ma seta’ jiftakar assolutament xejn”. Fuq mistoqsija ta’ wiehed mill-gurati jekk din ghandhiex tigi ekwiparata mal-memorja tal-bniedem, l-ewwel Qorti wiegbet “li l-memorja hija indikazzjoni jekk persuna kellhiex intenzjoni. Il-memorja mhix l-intenzjoni, pero` jekk ghandek memorja ta’ xi haga dak normalment il-buon sens jghidlek illi inti tkun taf x’ghamilt”. Skond l-appellant din mhix il-posizzjoni legali. Kieku kien hekk, jissokta l-appellant, il-ligi ma kinitx tiddistingwi bejn formazzjoni ta’ intenzjoni specifika jew intenzjoni xort’ohra; il-ligi kienet titkellem dwar “intenzjoni wahda”. Il-fatt li min ikun intossikat, wara l-akkadut jiftakar espisodji minn dak li gara ma jfissirx illi allura kellu l-intenzjoni jew li kien qed jifhem dak li qed jaghmel. Bniedem jista’ jifforma intenzjoni generika minhabba l-istat ta’ sokor pero` mhux dik specifika.

Biex difiza taht l-artikolu 34(4) tal-Kodici Kriminali tirnexxi, irid jigi pruvat illi l-istat ta’ intossikazzjoni ta’ l-akkuzat kien tali li min ikkommetta r-reat ma setax jifforma l-intenzjoni rekwizita, specifika jew xort’ohra.

Din il-Qorti taqbel ma’ dak li qalet l-ewwel Qorti li **“jekk inti ghandek il-memorja ta’ xi haga dak <u>normalment</u> il-bwon sens jghidlek li allura inti kont taf [x’ghamilt]”**[11] (sottolinear ta’ din il-Qorti). Hija fil-fatt irreferiet ghall-ezempju klassiku tal-bniedem li jkun f’sakra mewt u li l-ghada ma jiftakar xejn minn dak li ghadda minghalih, u qalet: **“Jekk minhabba l-intossikazzjoni persuna ma setghetx tifforma intenzjoni – mhux kien difficli ghaliha li tghid le, sinjuri gurati – ma setghetx tifforma intenzjoni, jigifieri l-kapacita` taghha li tifforma intenzjoni tkun giet, ingabet fix-xejn, zero, sewwa … allura ma tistax tinstab hatja ta’ reat doluz, jigifieri *to a wilful offence*, pero` … tista’ tinstab hatja ta’ reat**

[11] L-ewwel parti ta’ l-indirizz pagna 30.

**kolpuz, jigifieri ta' reat involontarju , *to a negligent offence*."**

Il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna hi fis-sens li biex stat ta' sokor jeskludi l-imputabilita`, is-sokor irid ikun ta' grad tali li jnehhi l-koxjenza jew il-volontarjeta` ta' l-att kostitwenti r-reat, u cioe` li fil-hin tar-reat l-akkuzat ma kienx jaf x'qed jaghmel jew ma kienx jaf li dak li kien qed jaghmel kien xi haga hazina. Skond din il-gurisprudenza wkoll il-fatt li akkuzat jiftakar dak li jkun gara, ez. fi stqarrija dettaljata lill-Pulizija, jikkostitwixxi prova li huwa kien koxjenti ta' dak li kien qieghed jaghmel[12].

F. Rigward il-linja difensjonali tal-legittima difiza, l-ewwel Qorti skartat ghal kollox il-kuncett fil-ligi ta' 'mistake of fact'; imxiet mal-linja tradizzjonali li jrid ikun hemm l-aggressjoni ngusta. Skond l-appellant dan hu korrett pero` l-Qorti ghamlet serje ta' domandi biex turi li in realta` kien Sultana li qed jigi aggredit u mhux l-appellant. Mill-fatti, jghid l-appellant, dan jista' jkun ukoll korrett jekk wiehed jinterpreta l-istess b'mod semplicistiku u jiskarta ghal kollox l-istat psikopatiku ta' l-appellant; l-ewwel Qorti poggiet kollox fil-keffa tan-normalita`.

Minn ezami tal-parti rilevanti ta' l-indirizz, jirrizulta li qabel ma l-ewwel Qorti ghaddiet biex tispjega l-linja difensjonali tal-legittima difiza hija ppremettiet illi ladarba l-gurati waslu biex jikkunsidraw id-difiza ta' legittima difeza **"ifisser necessarjament li intom tkunu wasaltu ghall-konkluzjoni li Muscat meta ghamel dak li ghamel <u>kellu l-intenzjoni</u> jew li joqtol lil Sultana jew li jqieghed il-hajja tieghu f'perikolu car"** (sottolinear ta' din il-Qorti). Inoltre l-ispjegazzjoni li l-ewwel Qorti tat tal-kuncett ta' legittima difeza kif applikabbli ghall-kaz hija korretta u l-mistoqsijiet li minnhom jilmenta l-appellant saru minn dik il-Qorti fid-diskrezzjoni taghha u, mill-gdid, ma jeskludux il-liberta` ta' razocinju tal-gurati.

---

12 Ara p.ez. Appelli Kriminali Inferjuri **Il-Pulizija v. John Micallef**, 27 ta' Novembru 1958, Vol. XLII.iv.520; **Il-Pulizija v. Anthony sive Tony Bonavia**, 30 ta' April 1993; **Il-Pulizija v. Emanuel Tabone**, 26 ta' Awissu 1998, Vol. LXXXII.iv.330 **Il-Pulizija v. Mario Camilleri**, 6 ta' Ottubru 1998, Vol. LXXXII.iv.364.

G. Dwar il-linja difensjonali taht l-artikolu 34(2)(a) tal-Kodici Kriminali, l-Ewwel Qorti ma laqghetx l-invit tad-difiza biex tiddipartixxi mill-interpetazzjoni tradizzjonali tal-kliem “was caused without his consent”.

Din il-Qorti ezaminat il-parti rilevanti ta’ l-indirizz ta’ l-ewwel Qorti dwar din il-linja difensjonali[13], u taqbel ma’ dik il-Qorti li l-interpretazzjoni tradizzjonali kif spjegata minnha ghandha tibqa’ treggi. Ghalhekk dan l-ilment huwa respint ukoll.

H. Rigward il-kap ta’ l-akkuza ta’ traffikar, l-appellant jghid li saret interpretazzjoni skorretta tal-ligi meta l-ewwel Qorti ndirizzat lill-gurija illi meta Sultana gab il-borza ta’ kokaina fl-appartament ta’ l-appellant, hu zvesta ruhu mill-pussess meta poggiha fuq il-mejda u allura meta l-appellant fl-istat psikopatiku li kien fiha qallu biex jiehu minnha ghaliex haseb li kienet velenu, allura kien qed jittraffika fis-sens tal-ligi. Inoltre jghid illi l-ewwel Qorti tat lill-gurija x’tifhem li hu l-akkuzat li jrid jipprova l-innocenza tieghu u ma fehmitx illi din l-eccezzjoni rigwardanti l-oneru tal-prova hija rigwardanti l-permess li akkuzat talvolta jista’ jkollu mill-President tar-Repubblika.

“Traffikar” ta’ droga huwa kull mezz li bih id-droga titwassal ghand persuna ohra. Jekk traffikant jghaddi droga lil persuna ohra – allura jispussessa ruhu minnha – u mumenti wara dik il-persuna toffri minn dik l-istess droga lit-traffikant, dik il-persuna ssir hatja ta’ traffikar. Sahansitra skond l-artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 jipprovdi li **“l-kelma ‘jittraffika’ … tinkludi … il-provvista, li wiehed joffri li jaghmel xi wiehed minn dawn l-atti ….”** Ghalhekk l-interpretazzjoni li tat l-ewwel Qorti hija korretta.

L-appellant m’ghandux ragun l-anqas meta jghid illi l-ewwel Qorti tat lill-gurati x’jifhmu illi kien l-akkuzat li kellu jipprova l-innocenza tieghu fir-rigward tar-raba’ kap ta’ l-att ta’ l-akkuza. Difatti hekk kif bdiet tanalizza r-raba’ kap, l-ewwel Qorti qalet li **“il-prova li l-akkuzat ittraffika fil-kokaina jew fl-eroina minghajr il-permess tas-**

[13] L-ewwel parti ta’ l-indirizz pagni 28 u 29.

**C.G.M.O. jew tal-President, dik il-prova tispetta lill-akkuzat li jaghmilha mhux lill-prosekuzzjoni trid iggibilkom prova li hu ma kellux il-permess, huwa l-akkuzat semmai li jrid jipprova li huwa kellu l-permess”** u kkonkludiet billi rrepetiet li **“kif diga` ghidtilkom il-kwistjoni tal-prova jekk huwa kellux licenzja minghand is-C.G.M.O. jew minghand il-President ta’ Malta dika jispetta lilu li jaghmilha, lill-akkuzat li jaghmilha”**.

I. Dwar l-akkuzi ta’ theddid sew barra l-appartament kif ukoll hdejn il-barriera fis-Siggiewi, l-ewwel Qorti naqset milli tispjega kif l-eccezzjoni taht l-artikoli 34(2) u 34(4) tista’ tapplika u qalet biss li d-difiza kienet qed tavvanza hawn l-eccezzjoni tad-demenza. Qalet biss li din l-eccezzjoni tapplika ghall-kapi kollha barra t-tielet kap. L-appellant jghid illi anke l-kumment dwar ir-raba’ kap hu skorrettezza legali jew applikazzjoni zbaljata tal-ligi.

Galadarba l-ewwel Qorti spjegat fid-dettal mehtieg tul l-indirizz il-linji difensjonali taht l-artikoli 34(2) u 34(4) tal-Kap. 9, ma kienx hemm ghalfejn tirrepeti l-istess affarijiet ghall-kapi kollha li dwarhom gew sollevati dawn il-linji difensjonali. F’parti ta’ l-indirizz l-ewwel Qorti ndikat illi l-eccezzjoni tad-demenzja kienet tressqet fir-rigward tal-kapi min-numru wiehed san-numru tmienja b’eccezzjoni tan-numru tlieta[14]. U f’parti ohra rreferiet ghall-enfasi kbira li saret fuq x’inhija l-intenzjoni ghall-fini tal-kapi kollha[15]. Imbaghad fil-verdett kampjun inghata wkoll bhala verdett alternattiv dak ta’ “mhux hati minhabba li kien mignun fiz-zmien tar-reat”.

Kwantu ghall-kumment dwar ir-raba’ kap, dak li qalet l-ewwel Qorti kien testwalment hekk:

**“Din l-eccezzjoni [tad-demenzja] tatha d-difiza fir-rigward tal-kapi kollha – one, two, four, five, six, seven u eight – mhux fir-rigward tat-tielet kap. U tistghu tifhmu ghaliex. Ghaliex fil-waqt li rigward l-**

---

[14] L-ewwel parti ta’ l-indirizz pagna 17.
[15] L-ewwel parti ta’ l-indirizz pagna 21.

**ewwel, it-tieni, ir-raba', il-hames, is-sitt, is-seba' u t-tmien kapi jirreferu ghal gurnata partikolari, il-kap numru tlieta jirreferi anke ghal granet ohrajn. Proprjament anke l-kap numru erbgha jirreferi ghal granet ohrajn – l-akkuza ta' traffikar – pero` d-difiza tat l-eccezzjoni tad-demenzja fir-rigward tar-raba' kap pero` mhux fir-rigward tat-tielet kap. Dan huwa importanti li tifhmuh, jigifieri fir-rigward tat-tielet kap ma hemm ebda eccezzjoni ta' demenzja."**

Dan kollu li qalet l-ewwel Qorti huwa stat ta' fatt u din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura fih.

J. L-appellant jghid illi hu principju accettat li l-gurija ma jkollha l-ebda indikazzjoni ta' x'tista' tkun il-piena ghal kull akkuza dedotta kontra akkuzat jew ghal kull reat jew linja difensjonali avvanzata mill-akkuzat. Fil-kaz odjern, isostni l-appellant, f'aktar minn okkazjoni wahda kienet il-Qorti stess li nfurmat lill-gurija x'kienu l-konsegwenzi legali jekk huma jaghtu certu verdett. Jirreferi ghal meta l-ewwel Qorti qalet li jekk isibu lill-akkuzat dementi waqt il-kommissjoni tar-reati, huma kellhom jiddikjarawh mhux hati u jilliberawh u jghid li din hija skorrettezza legali ghaliex mhux minnu li skond l-artikolu 34(2)(b) hemm helsien assolut; jista' ma jkunx hemm responsabbilta` kriminali, pero` hemm effetti ohra. L-appellant isemmi wkoll li l-ewwel Qorti qalet lill-gurija illi fil-kaz tad-difiza ta' l-agitazzjoni tal-mohh, il-ligi tnaqqas sew ir-responsabbilta` ta' l-akkuzat. Skond l-appellant dawn l-indikazzjonijiet imorru kontra l-principji ta' procedura penali.

Dan l-ilment huwa mgebbed ghall-ahhar. L-ewwel Qorti ma tat l-ebda indikazzjoni lill-gurati x'setghet tkun il-piena ghar-reati addebitati lilu. Ghalhekk dan l-ilment huwa michud.

**<u>3. L-esponenti gie misjub hati hazin fuq il-fatti tal-kawza</u>**

L-appellant jinsisti li fuq l-ewwel, it-tieni, il-hames, is-sitt, is-seba’ u t-tmien kapi l-gurija ma setghetx legittimament u ragjonevolment ma tasalx ghall-konkluzjoni li fil-mument tad-delitti kien fi stat ta’ intossikazzjoni u li fuq bazi ta’ probabbilita` kien qed isofri minn marda mentali. In kwantu l-omicidju ta’ Sultana l-appellant jghid li l-intenzjoni specifika kienet mankanti, in lineja sussidjarja li f’dak il-mument kien affett minn marda tal-mohh temporaneja u, fl-aghar ipotesi, anke jekk wiehed jasal biex jghid li kienet giet iffurmata intenzjoni “specifika” jew “xort’ohra”, dak il-mohh li fforma dik l-intenzjoni kien qed jagixxi taht l-influwenza immedjata ta’ agitazzjoni tal-mohh illi minhabba fiha fil-waqt tad-delitt ma setax iqis l-eghmil tieghu. Apparti dawn il-konsiderazzjonijiet fir-rigward tat-tieni kap ta’ l-att ta’ akkuza, l-iskuzanti ta’ l-agitazzjoni tal-mohh, fl-aghar ipotesi, tapplika zgur fit-tieni kap. L-appellant isostni li anke ghar-rigward tal-hames, is-sitt u s-seba’ akkuzi wiehed ma jistax jasal li hemm il-formazzjoni ta’ l-intenzjoni kriminuza rikjesta mil-ligi ghal dawn id-delitti. Kwantu ghar-raba’ kap imbaghad jghid illi ma setghet qatt tinstab htija.

Hawn qeghdin fil-kamp ta' l-apprezzament tal-provi. Issa, din il-Qorti hi Qorti ta' revizjoni u, in ezekuzzjoni ta' din il-funzjoni taghha, hi ezaminat dettaljatament l-atti processwali, inkluzi d-deposizzjonijiet tax-xhieda, id-dokumenti esibiti u l-indirizz ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri, u dan biex tara jekk a bazi tal-provi li kien hemm f'dawn il-proceduri, il-gurati, ben indirizzati mill-Imhallef, setghux legittimament u ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li fil-fatt waslu ghaliha dwar il-htija ta' l-appellant ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu fl-att ta' akkuza skond il-verdett minnhom moghti. Anke jekk mill-apprezzament tal-provi li taghmel din il-Qorti - u dan ghall-grazzja ta' l-argument biss u xejn iktar - hi tasal ghal xi konkluzjoni diversa minn dik milhuqa mill-gurati, hi ma tiddisturbax dik id-diskrezzjoni ezercitata mill-gurati fl-apprezzament tal-provi u tirrimpjazzaha b'taghha kemm-il darba jkun evidenti ghaliha li l-gurati ma kinux ghamlu apprezzament manifestament hazin tal-provi, u setghu, ghalhekk, legittimament u ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li jkunu waslu ghaliha in bazi tal-provi li

kellhom quddiemhom. Effettivament, kif dejjem inghad, din il-Qorti ma tinvadix it-territorju li l-ligi tirrizerva ghall-gurati hlief meta l-verdett minnhom milhuq ikun manifestament zbaljat fis-sens li ebda gurija ma setghet legittimament u ragjonevolment tasal ghalih. Jigifieri jrid ikun in kontradizzjoni manifesta ghal dak kollu li jirrizulta mill-process b'mod illi ma hemmx mod iehor hlief li l-verdett milhuq jigi eskluz bhala infondat[16].

F'**Blackstone's Criminal Practice 2001** naqraw ukoll (para. D22.15 pagna 1622):

**"The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

**'[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act**

---

[16] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

**1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

**However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it'."**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:

**"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."**

Minn ezami tal-atti processwali jirrizulta illi l-kwistjonijiet kollha rilevanti ta' apprezzament ta' fatt gew posti ghall-konsiderazzjoni tal-gurati li kienu liberi l-hin kollu, u gew diretti f'dan is-sens mill-Imhallef li ppresjeda l-guri, illi jivvalutaw il-provi kollha fl-assjem taghhom. Irid jigi

sottolineat illi l-gurati kellhom il-vantagg li jaraw u jisimghu x-xhieda kollha.

M'hemmx dubju li s-sottomissjonijiet li ghamel l-appellant kemm waqt il-guri kif ukoll f'dan l-stadju, kemm individwalment u anke kumulattivament huma ta' sustanza u ghandhom valur argumentattiv qawwi. Il-punt krucjali f'dan il-kaz kien u jibqa' l-istess, u cioe` jekk fil-mumenti tad-delitti l-appellant kienx fi stat ta’ intossikazzjoni tali li ma setax jifforma l-intenzjoni rikjesta ghad-delitti in kwistjoni.

Din il-Qorti ezaminat b'mod approfondit il-provi li tressqu quddiem l-ewwel Qorti, inkluzi t-traskrizzjonijiet kollha tax-xhieda, l-istqarrija u xiehda ta' l-appellant, ix-xiehda ta’ Dr. Joseph Spiteri u d-dokumenti l-ohra esibiti, u hasbet fit-tul fuq is-sottomissjonijiet tal-partijiet, u l-konkluzjonijiet taghha huma dawn li gejjin:

1. Kwantu ghall-ewwel, it-tieni, il-hames, is-sitt, is-seba’ u t-tmien kapi ta’ l-att ta’ akkuza m’hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-fatti. Dak li huwa kontestat huwa l-istat intenzjonali jew mentali ta’ l-appellant.

2. L-appellant jirreferi f’dar-rigward ghall-agir tieghu rizultanti mill-konsum eccessiv ta’ kokaina u ghax-xiehda ta’ Dr. Joseph Spiteri.

3. Il-gurati, wara deliberazzjoni dwar dak kollu li ngab a konoxxenza taghhom tul il-guri, wara ezami u kontro-ezami tax-xhieda, wara li kellhom l-opportunita` iqisu "l-imgieba, il-kondotta u l-karattru" tax-xhieda, u b'mod partikolari ta' l-appellant stess, u "tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz" (artikolu 637 tal-Kap. 9), wara li semghu s-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiza, u wara li gew ben indirizzati mill-Imhallef li ppresjeda l-guri, waslu ghal verdetti ta’ htija dwar il-kapi kollha ta' l-att ta' akkuza.

4. Jigi mtenni hawn illi skond l-artikolu 656 tal-Kap. 9: **"Min ghandu jiddeciedi mhux marbut li joqghod ghall-fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu."** Fil-fehma ta' din il-Qorti l-provi huma tali li permezz taghhom il-gurati setghu legittimament u ragjonevolment jeskludu l-konkluzjoni tal-perit psikjatriku, jigifieri setghu jikkonkludu li l-appellant ma kienx talment mitluf minn sensih li ma kienx jaf u ma riedx dak li qieghed jaghmel. Hekk, per ezempju:

a) L-appellant gie arrestat ftit hin biss wara l-incidenti li taw lok ghall-kaz odjern u aktar tard fl-istess gurnata ghamel stqarrija guramentata quddiem il-Magistrat Inkwerenti fejn spjega fid-dettall dak li kien gara u aktar (spjega per ezempju kif accetta s-suggeriment ta' Leli Sultana li jmur jispara fuq xi showrooms) u kien biss lejn l-ahhar ta' l-istqarrija tieghu illi talab li jmur l-Isptar.

b) Fix-xiehda tieghu dettaljata quddiem il-Qorti Kriminali, huwa minnu li l-appellant enfasizza li dakinhar ma setax jahseb, li ma bediex jirraguna izda mill-banda l-ohra, riferibilment ghall-qtil ta' Leli Sultana, stqarr li ghalih dakinhar ha decizjoni tajba meta mar igib is-senter u li kien jaf li is-senter jekk jigbdu jispara.

c) Jirrizulta illi l-appellant beda jiehu l-kokaina minn jeddu wara li, skond hu, kien introducieh ghaliha Leli Sultana stess. Huwa ben maghruf illi l-kokaina twassal persuna biex issir vjolenti u fil-fatt l-appellant jistqarr fix-xiehda tieghu quddiem l-ewwel Qorti li l-kokaina kienet ghamlitu nervuz u vjolenti. Pero` ma kienx jammetti li sar dipendenti fuqha.

d) L-Ispettur Joseph Valletta xehed illi meta gabu lill-appellant fejn l-ufficcju tieghu tas-CID huwa qal lill-appellant "Charl x'ghamilt qtilt tnejn?" u l-appellant wiegbu: "mela l-iehor miet ukoll?"[17]

e) L-Ispettur Joseph Valletta, mistoqsi kif beda jgib ruhu l-appellant waqt l-interrogatorju, qal li beda jgib ruhu

[17] Tape 2 side A p. 2 u Tape 3 side B p.6.

normali u li, ghalkemm ma kienx hemm sekwenza fuq xi affarijiet, l-appellant ma kellu ebda diffikulta` biex jifhem il-mistoqsijiet[18]. Kien ukoll qed jimxi sew[19].

f) L-Assistent Kummissarju Maurice Borg jghid li fil-hin li huwa kien prezenti waqt li l-appellant kien qieghed jaghmel l-istqarrija guramentata tieghu, dehrlu li t-twegibiet kienu koerenti mal-mistoqsijiet li kienu qed isirulu[20].

g) L-Assistent Kummissarju Michael Cassar ukoll kien prezenti ghal parti mill-interrogatorju u skond dan ix-xhud il-komportament ta' l-appellant kien wiehed normali, kien qed jispjega dak li kien sar[21]; ghalkemm in kontro-ezami mbaghad qal li jaf li l-effett tal-kokaina huwa qasir u li huwa kien prezenti ghall-interrogatorju wara t-8.00 p.m., u cioe` madwar seba' sighat wara l-incidenti[22].

h) L-Ispettur Raymond Zammit xehed illi meta, flimkien ma' membri ohra ta' l-SAG, mar fil-barriera s-Siggiewi fejn kien nizel l-appellant flimkien ma' Vincent Attard – ftit wara s-2.30 p.m. – u avvicina lill-appellant li kien mixhut ma' l-art gharwien u b'hafna trab fuqu, l-appellant qal lix-xhud li jafu u semmielu li kien hemm min ried jittrasferieh minn fejn kien. Ix-xhud qal li fil-fatt huwa jghix in-naha fejn jghix l-appellant u kien jaf lill-appellant ukoll[23].

i) Dr. Anthony Pisani ezamina lill-appellant id-Depot tal-Pulizija bejn l-4.00 p.m. u l-5.00 p.m. Huwa qal li ma jahsibx li mill-ezami kliniku li ghamel lill-appellant kien jasal ghall-konkluzjoni li kien taht l-effett tad-droga izda minhabba li sablu pressjoni gholja u qalbu thabbat hafna xorta ma kienx jiehu riskji u jirreferi ghall-Isptar. Deher eccitat hafna. Pero` qal ukoll li l-appellant kien *fully conscious*, fis-sens li kien konsapevoli ta' dak li qed isir –

[18] Tape 3 side B p. 4
[19] Tape 3 side B p. 5.
[20] Tape 5 side A p. 12.
[21] Tape 6 side B p. 3.
[22] Tape 7 side A p. 2 – 4.
[23] Tape 8 side B p. 5 – 7.

tah il-partikolaritajiet tieghu, inkluz in-numru ta’ l-I.D., u kien ko-operattiv hafna[24].

5. Jigifieri s-sitwazzjoni fattwali kienet tali li l-gurati setghu ma jaccettawx li kienu neqsin fl-appellant kemm il-kapacita` *di intendere* kif ukoll il-kapacita` *di volere*, ghax hemm cirkostanzi u provi li huma ugwalment kapaci li jitwemmnu u li l-gurati kienu perfettament intitolati li jemmnu.

6. Is-sitwazzjoni ma kkristallizzatx ruhha b'mod illi fuq bazi ta' probabilita` il-gurati kellhom ragjonevolment u legittimament jaslu ghall-konkluzjoni li kien jissussisti d-dubju ragjonevoli fit-tezi tal-prosekuzzjoni. Dana partikolarment ghaliex m'hemm xejn x'jindika li l-gurati ma setghux ragjonevolment u legittimament hlief jaslu biex jemmnu t-tezi tad-difiza. Fi kliem iehor il-gurati setghu jaslu ghall-konkluzjoni ta’ htija daqs kemm setghu jaslu ghal konkluzjoni mod iehor.

7. Din il-Qorti, mill-evalwazzjoni li regghet ghamlet tal-provi kollha, hi tal-fehma li f’dan il-kaz ma saret l-ebda amministrazzjoni hazina tal-gustizzja (art. 501(1) tal-Kap. 9).

## Piena

L-appellant jilmenta illi l-piena kienet wahda eccessiva, tenut kont illi l-verdett fuq l-ewwel kap kien wiehed minimu, il-verdett ta’ 7-2 fuq it-tieni kap kien ghad-delitt ta’ ferita gravi segwita bil-mewt, it-tielet kap hu kompriz u involut fir-raba’ kap, id-delitt li spara fl-abitat huwa assorbit f’kapi ohrajn, il-fatt li kien hemm ammissjoni dwar tliet kapi ta’ akkuza, il-fatt li gie dikjarat mill-bidu li ghar-rigward it-tielet kap ma kinitx qed tigi registrata ammissjoni ghaliex il-prosekuzzjoni ma riditx tbiddel il-kliem fl-att ta’ akkuza li

[24] Tape 10 side A p. 2 – 12.

huwa kellu l-pussess ta’ 25 gramma eroina meta din kienet tappartjeni lil u nstabet fid-dar ta’ Sultana, il-fedina penali mhux refrattarja ta’ l-appellant.

In materja ta’ piena mhuwiex normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.

Il-piena inflitta mill-ewwel Qorti f’dan il-kaz zgur tidhol fil-parametri tal-ligi. Il-piena ghad-delitt ta’ omicidju volontarju hija dik ta’ prigunerija ghall-ghomor u, f’dan il-kaz, peress illi gara fl-1994, l-inzul ghall-ewwel grad kien ghal massimu ta’ ghoxrin sena. Meta l-ewwel Qorti mbaghad imponiet piena ta’ hamsa u ghoxrin sena prigunerija kienet qed timponi l-massimu permess fiz-zmien rilevanti skond l-artikolu 17(b) tal-Kap. 9 peress illi kieku kellha zzid minn nofs sa terz tal-piena ghad-delitti l-ohra, il-perijodu kien jitwal hafna aktar. Bizzejjed jinghad illi l-piena ghal offiza gravi segwita bil-mewt skond l-artikolu 220(1)(a) tal-Kap. 9 hi ta’ prigunerija minn sitt snin sa ghoxrin sena filwaqt li l-piena ghal traffikar ta’ droga (u kif mitluba mill-Avukat Generali fl-att ta’ akkuza) kienet ta’ prigunerija ta’ mhux inqas minn erba’ snin izda mhux izjed minn ghoxrin sena (oltre multa ta’ mhux inqas minn Lm1,000 izda mhux izjed minn Lm50,000). Inoltre l-piena nflitta mill-ewwel Qorti giet imposta minnha, fid-diskrezzjoni taghha, wara li kkunsidrat dak kollu li dehrilha relevanti, u specifikatament ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz iz-zmien li l-appellant ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma’ dan il-kaz, il-fedina penali tieghu, li f’dan il-kaz japplika l-Artikolu 492 tal-Kodici Kriminali ghal dak li jirrigwarda r-reat ta’ omicidju volontarju, kif ukoll li l-piena applikabbli ghad-diversi reati, bil-konkors b’kollox, hi dik li kienet fis-sehh fid-data meta sehhew ir-reati u cioe` qabel l-emendi introdotti bl-Att XVI tal-1996 kemm fil-Kodici Kriminali kif ukoll fil-Kap. 101. Fic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti ma tarax li huwa l-kaz li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti kif ezercitata f'dak li huwa l-quantum tal-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier b'dan illi l-perijodu ta' gimghatejn ghad-distruzzjoni tad-droga jibda jiddekorri millum kemm-il darba l-Avukat Generali jew il-hati ma jiddikjarawx permezz ta' nota fi zmien gimgha millum li tali droga hi mehtiega in konnessjoni ma' xi proceduri ohra, filwaqt li l-perijodu ta' tliet xhur ghall-hlas ta' l-ispejjez peritali jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------